ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

# L 151

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

16 ta' Ġunju 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 499/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 li testendi d-dazju definittiv *anti-dumping* impost bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 fuq l-importazzjonijiet tal-*pallet trucks* tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkunsinnati mit-Tajlandja, kemm jekk ikun iddikjarat li oriġinaw mit-Tajlandja kif ukoll jekk le** ........ 1

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 500/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1212/2005 li jimponi dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina** ........ 6

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 501/2009 tal-15 ta' Ġunju 2009 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar id-Deċiżjoni 2009/62/KE** ........ 14

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 502/2009 tal-15 ta' Ġunju 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 17

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 503/2009 tal-15 ta' Ġunju 2009 li jffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' Ġunju 2009 ........ 19

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2009 tal-15 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 546/2003 dwar ċerti notifiki li jirrigwardjaw l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75, (KEE) Nru 2777/75 u (KEE) Nru 2783/75 fis-setturi tal-bajd u l-laħam tat-tjur** ........ 22

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 505/2009 tal-15 ta' Ġunju 2009 li jaġġusta l-obbligi tal-konsenja għaz-zokkor tal-kannamieli li għandu jiġi importat skont il-Protokoll AKP u l-Ftehim mal-Indja għall-perjodu ta' konsenja 2008/2009 u għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2009** 23

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 506/2009 tal-15 ta' Ġunju 2009 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Olej rydzowy (STG)]** ................ 26

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 507/2009 tal-15 ta' Ġunju 2009 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Abbacchio Romano (IĠP))** ........................................................ 27

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 508/2009 tal-15 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur** ........................................................ 28

---

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kunsill u Il-Kummissjoni**

2009/463/KE, Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2009 dwar Pożizzjoni tal-Komunità fir-rigward ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE - Albanija li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu inklużi r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni** ........................................................ 31

**Il-Kummissjoni**

2009/464/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 2009 li tagħraf fil-prinċipju l-kompletezza tal-fajl li tressaq għal eżami dettaljat fid-dawl tal-inklużjoni possibbli tal-fluopyram fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 4437)* [1].............. 37

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 499/2009

## tal-11 ta' Ġunju 2009

## li testendi d-dazju definittiv *anti-dumping* impost bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 fuq l-importazzjonijiet tal-*pallet trucks* tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkunsinnati mit-Tajlandja, kemm jekk ikun iddikjarat li oriġinaw mit-Tajlandja kif ukoll jekk le

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni minn importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] (ir-"Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. IL-PROĊEDURA

### 1. Il-miżuri eżistenti

(1) Wara investigazzjoni (l-"investigazzjoni oriġinali"), il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 [2] (ir-"Regolament oriġinali"), impona dazju definittiv tal-anti-dumping fuq l-importazzjoni ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom ("HPT"jew il-"prodott ikkonċernat") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ").

(2) Permezz tar-Regolament Nru 684/2008 [3] il-Kunsill ikkjarifika d-definizzjoni tal-oġġett tal-investigazzjoni oriġinali.

### 2. Il-Bidu Ex-Officio

(3) Wara l-investigazzjoni oriġinali, l-evidenza li kellha l-Kummissjoni wriet li l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjoni tal-HPT oriġinati mir-RPĊ qegħdin jiġu evitati permezz ta' attivitajiet tal-immuntar tal-HPT (il-"prodott investigat") fit-Tajlandja.

(4) F'termini sodi l-evidenza *prima facie* għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni wriet li:

— saret bidla sinifikanti fir-rutina tal-kummerċ li tinvolvi l-esportazzjoni mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajlandja lejn il-Komunità wara l-impożizzjoni tal-miżuri fuq il-prodott ikkonċernat, u ma hemmx raġuni biżżejjed jew ġustifikazzjoni għal tibdil bħal dan ħlief għall-impożizzjoni tad-dazju,

— din il-bidla fir-rutina tal-kummerċ tidher li ġejja mill-attivitajiet tal-immuntar tal-HPT fit-Tajlandja,

— l-effetti rimedjanti tal-miżuri eżistenti anti-dumping fuq il-prodott ikkonċernat kienu qegħdin jiddgħajjfu kemm fil-kwantità kif ukoll fil-prezz. Volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet mit-Tajlandja tal-HPT jidhru li ħadu post l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, kien hemm biżżejjed evidenza illi ż-żieda fl-importazzjoni qegħda ssir bi prezzijiet ferm inqas mill-prezz bla danni stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti,

— il-prezzijiet tat-HPT kienu dumped f'paragun mal-valur normali stabbilit qabel għall-prodott ikkonċernat.

(5) Wara li stabbiliet, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li hemm biżżejjed evidenza prima facie għall-bidu

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
[2] ĠU L 189, 21.7.2005, p. 1.
[3] ĠU L 192, 19.7.2008, p. 1.

ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tat bidu għal investigazzjoni ex-officio, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 923/2008 ([1]) (ir-"Regolament ta' bidu") biex tiġi investigata l-allegata evażjoni tal-miżuri anti-dumping. Skont l-Artikolu 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament tal-bidu, tat ukoll istruzzjonijiet lill-awtoritajiet tad-dwana biex jirreġistraw l-importazzjonijiet tal-HPT li jkunu kkunsinnati mit-Tajlandja, mill-21 ta' Settembru 2008, kemm jekk ikunu ddikjarati li joriginaw mit-Tajlandja kif ukoll jekk le.

3. **L-investiġazzjoni**

(6) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat lill-awtoritajiet tar-RPĊ, u tat-Tajlandja, lill-produtturi/esportaturi fir-RPĊ u fit-Tajlandja, l-importaturi fil-Komunità magħrufin li huma kkonċernati u l-industrija tal-Komunità bil-bidu tal-investigazzjoni. Il-kwestjonarji ntbagħtu lill-produtturi/esportaturi magħrufin fir-RPĊ u fit-Tajlandja kif ukoll lill-importaturi fil-Komunità magħrufin mill-Kummissjoni mill-investigazzjoni oriġinali u lill-partijiet li kienu ppreżentaw rwieħhom fi żmien l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' bidu. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fiż-żmien stipulat fir-Regolament ta' bidu. Il-partijiet kollha ġew informati li n-nuqqas ta' kooperazzjoni tista' twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u li s-sejbiet isiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

(7) Ma ntbagħtu ebda risposti għall-kwestjonarji mill-esportaturi/produtturi fit-Tajlandja, u l-Kummissjoni ma rċeviet ebda kummenti mill-awtoritajiet Tajlandiżi. Kien hemm biss esportatur/importatur wieħed Tajlandiż tal-HPT li, skont l-informazzjoni li kellha l-Kummissjoni fiż-żmien tal-bidu, kien esporta l-HTP lejn il-Komunità fiż-żmien ta' bejn l-2005 u l-PI (kif definit fil-premessa (10)) u kellu attivitajiet tal-immuntar tal-HPT fit-Tajlandja, dan ressaq li kien ġie llikwidat sa minn April 2008.

(8) Produttur esportatur wieħed Ċiniż irrisponda għall-kwestjonarju billi ddikjara l-bejgħ tiegħu fl-esportazzjoni lejn il-KE u ammont żgħir ħafna ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn it-Tajlandja. L-awtoritajiet Ċiniżi ma bagħtu l-ebda kumment.

(9) Fl-aħħar nett, disa' importaturi mill-Komunità bagħtu r-risposti għall-kwestjonarju fejn irrappurtaw l-importazzjonijiet tagħhom miċ-Ċina u t-Tajlandja. Mir-risposti tagħhom, b'mod ġenerali, ġie konkluż li kien hemm żieda fl-importazzjoni mit-Tajlandja u tnaqqis f'daqqa fl-importazzjoni mir-RPĊ fl-2006, li kienet is-sena wara li daħal fis-seħħ id-dazju definittiv anti-dumping. Fis-snin ta' wara, l-importazzjoni mir-RPĊ reġgħet żdiedet, u fl-istess ħin naqset daqsxejn l-importazzjoni mit-Tajlandja imma baqgħet f'livelli sew ogħla milli kienet fl-2005.

4. **Il-Perjodu ta' investigazzjoni**

(10) Il-perjodu ta' investigazzjoni kien bejn l-1 ta' Settembru 2007 u l-31 ta' Awwissu 2008 (il-"PI"). Inġabret id-dejta mill-2005 sa tmiem il-PI biex tiġi investigata l-bidla allegata fix-xejra tal-kummerċ u l-aspetti l-oħra stipulati fl-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku.

B. **IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI**

1. **Il-Konsiderazzjonijiet ġenerali/il-livell ta' kooperazzjoni/il-metodoloġija**

(11) Kif intqal fil-premessa (7), l-ebda produttur/esportatur tal-HPT fit-Tajlandja ma kkoopera u pprovda d-dejta meħtieġa għall-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kellhiex il-possibbiltà li tivverifika direttament missors it-tip ta' importazzjonijiet li kienu ntbagħtu mit-Tajlandja. Għalhekk, is-sejbiet fir-rigward ta' esportazzjonijiet ta' HPT ikkunsinnati mit-Tajlandja lejn il-Komunità kellhom isiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli b'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. F'dan il-kuntest ta' min jinnota li la mill-informazzjoni li ntbagħtet mir-RPĊ u l-anqas minn dik ġejja minn importaturi Komunitarji ma ppermettew lill-Kummissjoni tiddetermina n-natura ta' dawn l-importazzjonijiet.

(12) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni tal-eżistenza ta' evażjoni twettqet billi ġie analizzat jekk kienx hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn il-pajjiżi terzi u l-Komunità, jekk din il-bidla kinitx ir-riżultat ta' xi prassi, ta' xi proċess jew ta' ħidma, li għaliha ma kienx hemm kawża suffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika għajr l-impożizzjoni tad-dazju, jekk kienx hemm evidenza ta' ħsara jew li l-effetti rimedjanti kienu qed jiddgħajfu f'termini tal-prezzijiet u/jew tal-kwantitajiet ta' dan it-tip ta' prodott, u jekk kienx hemm evidenza ta' dumping f'paragun mal-valuri normali li kienu ġew stabbiliti qabel għal dan it-tip ta' prodott, u jekk meħtieġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku.

2. **Il-prodott ikkonċernat u prodotti tal-istess tip**

(13) L-HTP huwa pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri xażis u ħajdroliks, li normalment jiġu ddikjarati bil-kodiċi NM ex 8427 90 00 u ex 8431 20 00 oriġinati mir-RPĊ. L-HTP huma ddefiniti bħala trakkijiet bir-roti b'dirgħajn forma ta' furketta għat-tqandil tal-palits, iddisinjati biex jiġu mbuttati, miġbuda u mmexxija bl-idejn, fuq wiċċ lixx, invell u iebes, minn operatur pedonali bl-użu ta' laċċ artikulat. L-HTP huma ddisinjati biss biex jgħollu t-tagħbija, billi jippompjaw il-laċċ, sa għoli biżżejjed għall-ġarr u ma għandhom l-ebda funzjoni jew użu ieħor bħal, pereżempju, (i) li jġorru u jerfgħu t-tagħbija biex ipoġġuha aktar fl-għoli jew jgħinu fil-ħżin tat-tagħbija ("highlifters"),(ii) li jistivaw pallet wieħed fuq l-ieħor ("stackers"), (iii) li jerfgħu t-tagħbija għal livell fejn isir ix-xogħol ("scissorlifts") jew (iv) li jerfgħu u jiżnu t-tagħbija ("weighing trucks").

([1]) ĠU L 252, 20.9.2008, p. 3.

(14) Il-prodott investigat huwa l-pallet trucks tal-idejn (iddefinit l-istess bħall-prodott ikkonċernat) u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri x-xażis u l-ħajdroliks ikkunsinnati mit-Tajlandja (il-"prodott investigat") kemm jekk ikun iddikjarat li joriġina mit-Tajlandja, kemm jekk ma jkunx, u normalment huwa ddikjarat bl-istess kodiċi NM bħall-prodott ikkonċernat.

(15) Mill-informazzjoni disponibbli ġie konkluż li l-HPT li huma esportati lejn il-Komunità mir-RPĊ u dawk li jkunu kkunsinnati mit-Tajlandja lejn il-Komunità għandhom bażikament l-istess karatteristiċi fiżiċi u l-istess funzjoni. Għalhekk, huma ikkunsidrati bħala prodotti simili fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

### 3. **Bidla fir-rutina tal-kummerċ bejn pajjiżi terzi u l-Komunità**

(16) Minħabba li ebda kumpanija Tajlandiża ma kkooperat, il-volum u l-valur tal-esportazzjoni Tajlandiża tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità kienu ddeterminati skont l-informazzjoni disponibbli, li f'dan il-każ kienet id-dejta statistika miġbura mill-Istati Membri u kkompilata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku, u dejta tal-Eurostat. Fir-rigward tad-dejta li ngħatat fir-risposti tal-importaturi mill-Komunità, l-investigazzjoni stabbiliet li n-numru ta' esportazzjonijiet Tajlandiżi li ġew irrappurtati mill-importaturi fi ħdan il-Komunità kien jirrappreżenta biss parti żgħira mill-esportazzjoni totali mit-Tajlandja ta' HPT matul il-PI, jiġifieri inqas minn 5 %. F'dawn iċ-ċirkostanzi, kien maħsub li l-istatistika li għandha l-Kummissjoni iżjed turi s-sitwazzjoni preċiża fir-rigward tal-volum u l-valur tal-esportazzjoni mit-Tajlandja minn dik l-infomazzjoni limitata li ngħatat mill-importaturi fi ħdan il-Komunità.

(17) Wara li ġew imposti l-miżuri anti-dumping, l-importazzjoni tal-HPT mit-Tajlandja żdiedet minn 7 458 truck fl-2005 għal 64 706 truck fl-2007, u naqset għal 42 056 truck matul il-PI.

(18) L-importazzjoni tal-HPT miċ-Ċina lejn il-KE żdiedet minn 240 639 truck fl-2005 għal 538 271 fl-2007 u 584 786 matul il-PI. Skont l-informazzjoni disponibbli, din iż-żieda hija prinċipalment attribwita għaż-żieda fl-esportazzjoni mill-uniku esportatur produttur li għandu r-rata ta' dazju anti-dumping l-iżjed baxxa. Infatti, l-esportazzjoni miċ-Ċina minn din il-parti speċifika tirrappreżenta perċentaġġ kbir taż-żieda fl-importazzjoni ta' HPT fil-KE mir-RPĊ bejn l-2005 u t-tmiem tal-PI.

(19) B'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni msemmija hawn fuq, ġie konkluż li saret bidla fir-rutina tal-kummerċ bejn il-KE, ir-RPĊ u t-Tajlandja. L-importazzjoni mir-RPĊ baqgħet tiżdied imma dan huwa attribwit direttament għall-esportazzjoni mingħand wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi li kkoopera fl-investigazzjoni oriġinali u ngħatatlu l-inqas rata ta' dazju anti-dumping. Min-naħa l-oħra, l-importazzjoni mit-Tajlandja żdiedet b'868 % bejn l-2005 u l-2007 u stabbiliżżat ruħa matul il-PI għal żieda ta' 564 % fir-rigward tal-2005.

(20) B'kollox, instab li minkejja li x-xejra tal-kummerċ wriet esportazzjoni persistenti mir-RPĊ, kien hemm ukoll żieda sinifikanti fl-esportazzjoni mit-Tajlandja. Din il-persistenza, jew iż-żieda kontinwa, minkejja li kienet ħafna iżgħar bejn l-2007 u l-PI minn dik li nstabet għall-esportazzjoni mir-RPĊ fl-investigazzjoni oriġinali, tispjega ruħa mill-fatt li l-biċċa l-kbira tal-esportazzjoni hija mill-kumpanija Ċiniża li għandha l-iżjed rata baxxa ta' dazju anti-dumping. Ix-xejra tal-kummerċ fir-rigward tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra, tista' biss tkun spjegata bħala riżultat ta' azzjonijiet li l-għan tagħhom huwa l-evażjoni tal-miżuri.

### 4. **Kawża insuffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika**

(21) L-importazzjoni lejn il-Komunità mit-Tajlandja bdiet tiżdied matul iż-żmien tal-ewwel investigazzjoni mmexxija mill-Komunità. Huwa mfakkar li l-awtoritajiet fit-Tajlandja kif ukoll il-produtturi/esportaturi Tajlandiżi potenzjali kienu ġew infurmati bl-investigazzjoni li hi għaddejja. Iżda ma waslet ebda evidenza li tispjega din iż-żieda sinifikanti, u l-ebda kumpanija Tajlandiża ma kkooperat fl-investigazzjoni billi rrispondiet għad-domandi tal-kwestjonarju. F'dan ir-rigward għandu jkun enfasizzat li, kif intqal fil-premessa (7) l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni fi żmien il-bidu tal-investigazzjoni tat ħjiel li hemm numru sinifikanti ta' attivitajiet tal-immuntar ta' HPT fit-Tajlandja. Min-naħa l-oħra, ma waslet ebda evidenza li tindika li kienet qed issir produzzjoni ġenwina fit-Tajlandja tal-HTP. Għalhekk ġie konkluż, fuq bażi tal-informazzjoni disponibbli, li fl-assenza ta' xi kawża oħra adekwata jew xi ġustifikazzjoni ekonomika fl-ambitu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-bidla fir-rutina tal-kummerċ kienet ġejja minħabba l-impożizzjoni tad-dazju anti-dumping fuq l-HPT li joriġinaw fir-RPĊ.

### 5. **Id-dgħajfien tal-effetti ta' rimedju tad-dazju anti-dumping (l-Artikolu 13(1))**

(22) L-investigazzjoni stabbiliet li l-importazzjonijiet mit-Tajlandja dgħajfu l-effetti rimedjanti tad-dazju anti-dumping kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll f'termini ta' prezzijiet.

(23) Huwa mfakkar li l-bidla fil-fluss kummerċjali ħadet ix-xejra ta' żieda straordinarja fl-importazzjoni mit-Tajlandja. L-ewwel nett din dgħajfet l-effetti rimedjanti tal-miżuri anti-dumping f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwantitajiet importati ġewwa s-suq tal-Komunità. Tabilħaqq, kieku l-importazzjoni lejn il-Komunità kienet ġejja mir-RPĊ flok mit-Tajlandja, aktarx li l-kwantitajiet importati kienu jkunu ħafna inqas minn dawk ġejjin mit-Tajlandja meta wieħed jikkonsidra li kien ikun hemm il-ħtieġa li wieħed iħallas, *inter alia*, id-dazju anti-dumping b'rati bejn is-7,6 % u s-46,7 %.

(24) F'dak li għandu x'jaqsam ma' prezzijiet tal-prodotti kkonċernati kkunsinnati mit-Tajlandja, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, kien meħtieġ li issir referenza għad-dejta tal-Eurostat, (li kienu kkonfermati mid-dejta imsemmija fl-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku), li kienet l-aħjar evidenza disponibbli. L-informazzjoni ppreżentata mill-importaturi Komunitarji ma kenitx meqjusa bħala affidabbli għal kollox għar-raġunijiet mogħtija fil-premessa (16). F'dan ir-rigward ġie stabbilit li matul il-PI il-prezz medju tal-importazzjoni għall-esportazzjonijiet Tajlandiżi lejn il-Komunità kien sew inqas mil-livell ta' eliminazzjoni ta' danni għall-prezzijiet tal-Komunità li kienu ġew stabbiliti waqt l-investigazzjoni oriġinali. F'termini iżjed konkreti, il-prezz medju tal-importazzjoni tal-esportazzjonijiet Tajlandiżi lejn il-Komunità nstab li kien 48,9 % inqas mil-livell ta' eliminazzjoni ta' danni għall-prezzijiet tal-Komunità li kienu ġew stabbiliti waqt l-investigazzjoni oriġinali. Għalhekk, l-effetti rimedjanti tad-dazju impost f'dak li għandu x'jaqsam ma' prezzijiet ddgħajfu.

(25) Għalhekk ġie konkluż li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mit-Tajlandja dgħajfu l-effetti rimedjanti tad-dazju, kemm inkwantu l-kwantitajiet kif ukoll inkwantu l-prezzijiet.

### 6. **It-Test tad-Dumping (l-Artikolu 13(1))**

(26) Kif spjegat fil-premessi (7) u (16), minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, sabiex jiġi stabbilit matul il-PI jekk setgħetx tinstab prova ta' dumping fir-rigward ta' esportazzjonijiet mit-Tajlandja tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità, kienet użata d-dejta Eurostat fuq-livell NM skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku bħala l-bażi għat-twaqqif tal-prezzijiet tal- esportazzjoni lejn il-Komunità.

(27) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, dawn il-prezzjijiet tal-esportazzjoni ġew ipparagunati mal-valur normali stabbilit minn qabel, f'dan il-każ il-valur medju normali differenzjat li ġie stabbilit waqt l-investigazzjoni oriġinali.

(28) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni u skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, għall-iskop ta' paragun tal-prezz ta' esportazzjoni u l-valur normali, ġie meqjus li hu xieraq li wieħed jassumi li t-taħlita ta' prodotti tal-merkanzija nnutata matul l-investigazzjoni preżenti kienet l-istess bħal dik fl-investigazzjoni oriġinali.

(29) Skont l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, il-paragun tal-valur medju normali differenzjat kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali u l-valur medju miżjud tal-prezzijiet tal-esportazzjoni matul il-PI tal-investigazzjoni preżenti, kif stabbilit mid-dejta tal-Eurostat, irrappreżentat bħala perċentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas, wera marġini tad-dumping sinifikanti, jiġifieri 22,5 %.

(30) Meta wieħed iqis il-marġini tad-dumping li hemm, u l-fatt li mhemmx evidenza li turi bidla sinifikanti fit-taħlita tal-prodotti esportati, huwa meqjus li hemm id-dumping f'paragun mal-valur normali stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.

### C. **IL-MIŻURI**

(31) Minħabba s-sejbiet ta' hawn fuq, ġie konkluż li saret l-evażjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri eżistenti anti-dumping fuq l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ għandhom għalhekk jiġu estiżi għall-importazzjoni tal-istess prodott ikkunsinnat mit-Tajlandja, kemm jekk ikun iddikjarat li joriġina mit-Tajlandja kemm jekk le.

(32) Il-miżuri li jridu jiġu estiżi għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament oriġinali għall-partijiet li ma kkooperawx, jiġifieri għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Għaldaqstant, għal dan ir-Regolament preżenti r-rata tad-dazju anti-dumping li tapplika għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, għandha tkun ta' 46,7 %.

(33) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, li jistipula li kull miżura estiża tista' tapplika għall-importazzjonijiet li daħlu fil-Komunità skont ir-reġistrazzjoni imposta mir-Regolament ta' bidu, għandhom jinġabru d-dazji fuq dawk l-importazzjonijiet irreġistrati tal-HTPs ikkunsinnati mit-Tajlandja.

### D. **IT-TALBIET GĦALL-EŻENZJONI**

(34) Huwa mfakkar li matul l-investigazzjoni preżenti ma nstab li kien hemm ebda esportatur/produttur Tajlandiż tal-HPT għall-Komunità fit-Tajlandja, jew ma kienx hemm wieħed li ppreżenta ruħu mal-Kummissjoni u kkoopera fil-proċediment. B'danakollu, kull esportatur/-produttur Tajlandiż li hu meqjus li għandu x'jaqsam u li jikkunsidra li jagħmel talba għall-eżenzjoni mid-dazju anti-dumping estiż skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku ikun meħtieġ li jimla kwestjonarju sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi l-eżenzjoni hijiex iġġustifikata. Eżenzjoni ta' din ix-xorta tista' tingħata, pereżempju, wara li ssir valutazzjoni tas-sitwazzjoni fis-suq tal-prodott ikkonċernat, tal-kapaċità ta' produzzjoni u tal-użu tal-kapaċità, tal-ksib u l-bejgħ u tal-probabbiltà li jitkomplew l-attivitajiet li għalihom mhemmx kawża suffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika u hemm evidenza ta' dumping. Normalment il-Kummissjoni tagħmel ukoll spezzjoni ta' verifikazzjoni fuq il-post. It-talba tkun trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni minnufih, bl-informazzjoni rilevanti kollha, partikolarment xi modifikazzjoni fl-attivitajiet tal-kumpanija marbutin mal-produzzjoni u l-bejgħ.

### E. **IT-TAGĦRIF**

(35) Il-partijiet interessati ġew infurmati dwar il-fatti essenzali u l-konsiderazzjonijiet li fuqhom il-Kunsill kellu ħsieb li jestendi d-dazju definittiv anti-dumping li hemm fis-seħħ, u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw u jiġu mismugħa. Ma wasslu ebda kummenti li kienu jiġġustifikaw bidla fil-konklużjonijiet ta' hawn fuq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Id-dazju definittiv anti-dumping li japplika għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" impost bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 fuq l-importazzjoni ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri x-xażis u l-ħajdroliks, kif definiti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1174/2005, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 684/2008, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, huwa b'dan estiż għall-pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri x-xażis u l-ħajdroliks, kif definiti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1174/2005, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 684/2008, u li huma kklassifikati skont il-kodiċi NM ex 8427 90 00 u ex 8431 20 00 (kodiċi TARIC 8427 90 00 11 u 8431 20 00 11), li jkunu kkunsinnati mit-Tajlandja, kemm jekk ikun iddikjarat li joriġinaw mit-Tajlandja, kemm jekk le.

2. Id-dazji estiżi permezz tal-paragrafu 1 għandhom jinġabru fuq importazzjonijiet irreġistrati b'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 923/2008 u l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 384/96.

3. Id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali għandhom japplikaw.

*Artikolu 2*

1. It-talbiet għall-eżenzjoni mid-dazju estiż skont l-Artikolu 1 għandhom isiru bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jridu jkunu ffirmati minn persuna awtorizzata li tirrappreżenta l-applikant. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: N105 04/090
1040 Brussell
BELGIUM
Fax (32-2) 295 65 05

2. Skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv, tawtorizza b'deċiżjoni l-eżenzjoni ta' importazzjonijiet li ma jevitawx il-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 mid-dazju estiż skont l-Artikolu 1.

*Artikolu 3*

L-awtoritajiet tad-dwana huma b'dan ordnati li jtemmu r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, stabbiliti skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 923/2008.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 11 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
G. SLAMEČKA

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 500/2009

## tal-11 ta' Ġunju 2009

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1212/2005 li jimponi dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. IL-MIŻURI FIS-SEĦĦ

(1) Bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1212/2005 [2], il-Kunsill impona dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ir-"RPĊ") ("ir-Regolament tal-miżuri definittivi"). Ir-rati ta' dazju individwali kienu jvarjaw minn 0 % sa 37,9 % u l-livell ta' dazju ta' residwu kien stabbilit għal 47,8 %. Offerta ta' impriża konġunta kienet aċċettata minn numru ta' kumpaniji flimkien mal-Kamra tal-Kummerċ Ċiniża għall-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Makkinarju u Prodotti Elettroniċi (CCME – China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products) mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/109/KE [3] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 268/2006 [4]. Fid-dawl ta' diversi rikjesti ġodda minn produtturi esportatuti, ir-Regolament tal-miżuri definittivi kien emendat minn żmien għal żmien – l-aktar reċenti f'April 2009 [5].

### B. IL-BIDU TAL-INVESTIGAZZJONI TA' REVIŻJONI U L-PROĊEDURA

(2) Fit-8 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni interim, skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. It-talba kienet mibgħuta minn Eurofonte ("l-appikant"), f'isem disa' produtturi Ewropej. L-applikant allega li kien hemm nuqqas ta' ċarezza fl-ambitu tal-miżura kif stipulata fir-Regolament tal-miżuri definittivi. L-applikant allega li l-ambitu tal-prodott għandu jiġi ċċarat safejn jikkonċerna kkastjar magħmul minn ħadid duttili u b'mod partikolari jekk dan it-tip ta' kkastjar jaqax fi ħdan id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat.

(3) Wara li ddeterminat li teżisti evidenza suffiċjenti għall-bidu ta' reviżjoni interim parzjali, u wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv, il-Kummissjoni, permezz ta' avviż ("l-Avviż ta' bidu tar-reviżjoni") ippublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [6], bdiet investigazzjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. L-investigazzjoni kienet limitata fl-ambitu għad-definizzjoni tal-prodott suġġett għall-miżuri fis-seħħ.

(4) Il-Kummissjoni avżat lill-produtturi Komunitarji, lill-importaturi u lill-utenti magħrufa, lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur kif ukoll lill-esportaturi magħrufa kollha fir-RPĊ bil-bidu tar-reviżjoni. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-partijiet imsemmija hawn fuq u minn dawk il-partijiet li ppreżentaw ruħhom fil-limitu taż-żmien stipulat fl-Avviż ta' bidu tar-reviżjoni. Il-Kummissjoni tat ukoll lill-partijiet interessati l-opportunità li jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jitolbu seduta ta' smigħ.

(5) Risposti għall-kwestjonarju kienu mibgħuta minn 15-il produttur Komunitarju, disa' importaturi fil-Komunità mhux relatati ma' produtturi esportaturi Ċiniżi, utent Komunitarju u 17-il produttur esportatur Ċiniż.

(6) Fuq talba tagħhom ingħataw seduti ta' smigħ lil sitt partijiet interessati: l-applikant, produttur Komunitarju u erba' importaturi.

### C. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT

(7) Il-prodott ikkonċernat, kif definit fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-miżuri definittivi, huwa prodotti tal-ħadid fondut li mhux daqshekk faċli li jinħadem ta' tip użat biex ikopri u/jew jagħti aċċess għal sistemi tal-art jew taħt l-art, u partijiet tagħhom, kemm jekk ikunu maħdumin bil-magni kif ukoll jekk le, miksi, miżbugħ jew iffitjat ma' materjali oħra, minbarra idranti tat-tifi tan-nar, li joriġinaw fir-RPĊ u kklassifikat bil-kodiċi NM 7325 10 50, 7325 10 92 u ex 7325 10 99 (kodiċi Taric 7325 10 99 10).

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1
[2] ĠU L 199, 29.7.2005, p. 1
[3] ĠU L 47, 17.2.2006, p. 59
[4] ĠU L 47, 17.2.2006, p. 3.
[5] ĠU L 94, 8.4.2009, p. 1.
[6] ĠU C 74, 20.3.2008, p. 66.

(8) Fid-definizzjoni tal-prodott fl-istess Regolament, speċifikament fil-premessa (18), jissemma li l-ikkastjar hu magħmul minn ħadid griż jew duttili u li minkejja ċerti differenzi msemmija fil-premessi (20) sa (21), fil-premessi (22) sa (29) huwa konkluż li t-tipi kollha ta' kkastjar għandhom l-istess karateristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi, li għandhom l-istess użu u li jistgħu jkunu kkunsidrati bħala tipi differenti tal-istess prodott.

(9) Skont diversi partijiet interessati, it-terminu użat fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-miżuri definittivi biex jiddeskrivi l-prodott suġġett għall-miżuri ("prodotti tal-ħadid fondut li mhux daqshekk faċli li jinħadem") ma jkoprix ikkastjar tal-ħadid duttili. Xi partijiet għamlu referenza għal sottotitolu ieħor tan-NM dwar tubi u fittings tal-pajpijiet ta' ħadid fondut malleabbli (kodiċi ta-NM 7307 19 10) fejn l-Avviż ta' spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda ssemmi li ħadid fondut sferiku (ħadid duttili) jista' jinħadem. Kien għaldaqstant allegat li kkastjar tal-ħadid duttili ma kienx kopert mir-Regolament, anke jekk fil-parti deskrittiva ta' dak ir-Regolament kien imsemmi li t-tipi kollha ta' kkastjar jistgħu jkunu kkunsidrati tipi differenti tal-istess prodott.

## D. IS-SEJBIET TAL-INVESTIGAZZJONI

### 1. Kummenti preliminari

(10) Diversi partijiet interessati allegaw li r-reviżjoni tal-ambitu tal-prodott ma tkunx l-investigazzjoni xierqa biex tkun affaċċjata l-kwistjoni msemmija hawn fuq, iżda li l-Kummissjoni għandha tibda jew investigazzjoni ġdida anti-dumping skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku jew reviżjoni kontra l-ksur skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku.

(11) Minħabba li l-għan tal-investigazzjoni huwa prinċiparjament l-eżaminar tal-ambitu tal-investigazzjoni oriġinali u t-tibdil, jekk ikun hemm bżonn, tal-parti operattiva skont dan, reviżjoni tal-ambitu tal-prodott skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku hija l-proċedura adegwata f'dan il-każ partikolari. Kemm investigazzjoni ġdida skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku kif ukoll investigazzjoni ta' ksur skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku jindirizzaw ċirkostanzi differenti. Din tal-ewwel tista', fost l-oħrajn, tintuża biex tinbeda investigazzjoni għal prodott li ma kienx investigat fl-investigazzjoni oriġinali (pereżempju permezz ta' definizzjoni differenti jew oriġini minn pajjiżi li mhumiex suġġetti għall-miżuri). Din tal-aħħar tista' tintuża bħala bażi għal investigazzjoni dwar jekk hemmx ksur fir-rigward tal-prodott suġġett għall-miżuri. Dan iż-żewġ tipi ta' investigazzjoni mhumiex għalhekk adegwati fiċ-ċirkostanzi preżenti.

(12) Il-bidu ta' din ir-reviżjoni kien għalhekk intiż biex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dawn il-miżuri anti-dumping.

### 2. L-analiżi tal-investigazzjoni oriġinali

(13) Fl-ewwel stadju, l-investigazzjoni oriġinali kienet analizzata biex ikun iddeterminat jekk dik l-investigazzjoni kinitx kopriet bis-sħiħ kemm ikkastjar tal-ħadid griż, kif ukoll dak tal-ħadid fondut duttili.

(14) ta' min jinnota mal-ewwel li fl-Avviż ta' bidu tal-investigazzjon oriġinali ([1]), il-prodott huwa deskritt bħala "ċerti prodotti tal-ħadid fondut li mhux faċli li jinħadem ta' tip użat biex jgħatti u/jew jipprovdi dħul f'sistemi mal-art jew taħt il-wiċċ, (…) li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (…) normalment iddikjarat taħt il-kodiċi tan-NM 7325 10 50, 7325 10 92 u 7325 10 99."

(15) Il-kliem "normalment iddikjarat taħt" jagħmluha ċara li l-kodiċi tan-NM imsemmija fl-Avviż ta' bidu kienu – kif normalment ikunu – mogħtija "bħala informazzjoni biss". Għaldaqstant, il-partijiet interessati ma setgħux jassumu li l-prodotti koperti minn dawk il-kodiċi tan-NM biss kienu jiffurmaw parti mill-investigazzzjoni. Barra mill-informazzjoni dwar l-ambitu tal-prodott mogħtija fl-Avviż ta' bidu, l-informazzjoni fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment oriġinali li kienet aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha tal-proċediment u li kienet mibgħuta lill-produturi esportaturi, importaturi, u utenti kollha elenkati fl-ilment kienet tinkludi dettalji ulterjuri.

(16) Fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat hija eżatt hekk kif ippubblika fl-Avviż ta' bidu. Aktar spjegazzjonijiet ta dik id-deskrizzjoni ġenerali jsegwu fil-punti 3.2-3.7 tal-ilment. Minn diversi elementi f'dawk il-punti huwa ċar li l-ilment kien ikopri prodotti magħmula minn ħadid kemm griż kif ukoll duttili. Pereżempju fil-punt 3.5, jissemma li "l-prodott huwa magħmul minn ħadid fondut li mhux faċli li jinħadem, li jista' jkun griż jew ħadid fondut duttili". Barra minn hekk, il-proċess tal-produzzjoni tal-ikkastjar magħmul minn ħadid fondut kemm griż kif ukoll duttili huwa deskritt fil-punt 3.4. tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment.

(17) Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-Avviż ta' bidu kien intiż li jkun aktar limitat mill-ambitu tal-ilment.

([1]) ĠU C 104, 30.4.2004, p. 62.

(18) Barra minn hekk, matul l-investgazzjoni oriġinali, id-dejta dwar dumping u ħsara kienet miġbura dwar ikkastjar magħmul minn ħadid fondut kemm griż u kemm duttili. B'mod partikolari, fil-kwestjonarji li ntbagħtu lill-partijiet interessati magħrufa u lil dawk il-partijiet interessati li ppreżentaw ruħhom u talbu kwestjonarju, iż-żewġ tipi kienu inklużi fid-deskrizzjoni tat-tipi ta' prodott li kellu jkun irrappurtat fil-klassifikazzjoni tal-prodott (in-numri ta' kontroll tal-prodott). Għaldaqstant, kien ċar għall-partijiet kollha li kkooperaw li rċevew il-kwestjonarju li l-ikkastjar magħmul mill-ħadid fondut griż u duttili kien kopert mill-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-klassfikazzjoni tal-prodott tinkludi ż-żewp tipi tiżgura li s-sejbiet kollha dwar dumping, ħsara, kawża u interess Komunitarju tal-investigazzjoni oriġinali kienu jirreferu għal ikkastjar magħmul minn ħadid fondut griż u duttili.

(19) Barra minn dan, it-test tal-iżvelar finali mibgħut lill-partijiet interessati kollha u r-Regolament tal-miżuri definittivi semmew f'diversi punti li l-ikkastjar jista' jkun magħmul minn ħadid fondut griż jew duttili (ara b'mod partikolari l-premessi (18), (20) u (21)). Id-differenzi bejn iż-żewġ tipi ta' kkastjar kienu eżaminati u spjegati (ara l-premessi msemmija aktar 'il fuq). Fl-aħħar nett, il-konklużjoni definita fir-Regolament tal-miżuri definittivi kif stipulat fil-premessa (22) hija li l-investigazzjoni wriet li minkejja d-differenzi f'termini ta' ħadid fondut griż jew duttili, kull tip ta' kkastjar għandu l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi, għandu l-istess użu u jista' jkun ikkunsidrat bħala tip differenti tal-istess prodott.

(20) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, wieħed jista' jikkonkludi li l-investigazzjoni oriġinali kopriet kemm ikkastjar tal-ħadid fondut griż u duttili. Anke jekk wieħed jassumi li dan ma kienx ċar bis-sħiħ mill-Avviż ta' bidu waħdu, il-partijiet interessati kellhom diversi possibbiltajiet biex jindunaw li l-investigazzjoni kopriet ikkastjar tal-ħadid fondut griż u duttili, billi dan kien imsemmi fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment, fil-kwestjonarji u billi dan kien żvelat fl-istadju definittiv lill-partijiet interessati.

(21) Wara l-iżvelar tas-sejbiet finali ta' din ir-reviżjoni, parti interessata allegat li l-Avviż ta' bidu tal-investigazzjoni oriġinali kellu jindika l-ambitu tal-prodott b'mod ċar. Billi dan l-Avviż ta' bidu semma biss ikkastjar magħmul minn ħadid fondut mhux malleabbli, importatur ta' kkastjar magħmul minn ħadid fondut malleabbli jista' jkun assigurat li l-prodotti tiegħu ma kinux koperti mill-investigazzjoni u ma kellu l-ebda bżonn jikkonsulta l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment.

(22) Fid-dawl tal-kliem tal-Avviż ta' bidu oriġinali wieħed ma jistax jargumenta li kkastjar tal-ħadid fondut duttili kien eskluż b'mod impliċitu jew espliċitu mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. L-ewwel nett ta' min jinnota li fl-Avviż ta' bidu oriġinali, l-ewwel paragrafu, jissemma li l-Kummissjoni rċeviet "ilment (…) li jallega li l-importazzjonijiet ta' ċertu kkastjar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (…), qegħdin ikunu l-oġġett ta' dumping u għalhekk qegħdin jikkawżaw ħsara materjali lill-industrija Komunitarja". It-tieni nett, fit-tieni taqsima ("il-prodott") jissemma li l-ikkastjar tal-ħadid fondut mhux malleabbli tat-tip użat biex jgħatti u/jew jagħti aċċess għal sistemi tal-art jew taħt wiċċ l-art se jkunu koperti, iżda mingħajr aktar speċifikazzjoni ta' x'wieħed jista' jifhem b' "mhux malleabbli". ta' min ifakkar f'dan il-kuntest li l-kodiċi NM msemmija fl-Avviż ta' bidu kienu espliċitament "mogħtija biss għall-informazzjoni" u għaldaqstant wieħed ma setax jargumenta li dawn illimitaw l-ambitu tal-investigazzjoni oriġinali. Għaldaqstant, l-Avviż ta' bidu kien diġà jinkludi elementi li jindikaw lill-importatur jew produttur esportatur dwar ikkastjar magħmul minn ħadid duttili tat-tip użat biex jgħatti jew jagħti aċċess għal sistemi tal-art jew taħt wiċċ l-art li kkastjar duttili seta' jkun kopert mill-investigazzjoni. Fid-dawl ta' dan, dan l-argument huwa miċħud.

(23) F'kull każ, anke jekk wieħed jassumi li dan ma kienx il-każ l-Avviż ta' bidu tar-reviżjoni kien ċar dwar il-kwistjoni. Fit-taqsima 3 (il-bażi tar-reviżjoni) dan semma li filwaqt li l-parti deskrittiva tar-Regolament tal-miżuri definittivi kopriet ukoll ikkastjar tal-ħadid fondut duttili, l-ambitu tal-parti operattiva ta' dak ir-Regolament jaf għandha bżonn tkun iċċarata dwar dan il-punt. Dan stieden lill-operaturi kollha b'mod espliċitu biex jagħtu l-opinjoni tagħhom, u jissottomettu kull evidenza bħala appoġġ għal dawn l-opinjonijiet. Madankollu, l-importartur ikkonċernat ma ssottometta l-ebda evidenza li wieħed jew aktar mill-fornituri tiegħu li kien/u suġġett/i għad-dazju ma fehemx/fehmux li l-investigazzjoni oriġinali kienet tkopri wkoll ikkastjar tal-ħadid duttili. F'dan il-kuntest ta' min jinnota li l-Avviż ta' bidu tar-reviżjoni saħaq fit-taqsima 9 li kull parti li jidhrilha hekk tista' titlob reviżjoni oħra skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. Madankollu, l-ebda esportatur li l-prodotti tiegħu huma suġġetti għad-dazju ma allega li ma fehemx, matul l-investigazzjoni oriġinali, li l-ikkastjar tal-ħadid duttili kien kopert ukoll, u li, għaldaqstant, issa, hemm bżonn titnieda reviżjoni ulterjuri biex tikkalkula mill-ġdid id-dazju applikabbli għall-prodotti tiegħu, inkluż dawk tal-ħadid duttili.

(24) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-argument tal-parti interessata huwa miċħud.

3. **Il-paragun bejn ikkastjar tal-ħadid duttili u kkastjar tal-ħadid griż**

(25) Sabiex ikun iċċarat jekk is-sejbiet fir-rigward ta' kkastjar magħmul minn ħadid fondut griż u duttili kif stipulati fir-Regolament tal-miżuri definittivi kinux fil-fatt korretti, kien eżaminat jekk ikkastjar tal-ħadid duttili u kkastjar tal-ħadid griż kinux ikkunsidrati korrettament bħala bl-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi u l-istess użi, kif indikat fir-Regolament tal-miżuri definittivi

(a) *Il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi u l-interkambjabbiltà*

(26) Fir-rigward tal-*karatteristiċi fiżiċi*, il-forma finali tal-ikkastjar hija influwenzata mill-għan u l-kundizzjonijiet tal-installazzjoni tal-prodott iżda f'kull każ il-prodott irid ikun konformi mal-istandards fis-seħħ, kif stipulat, fost l-oħrajn, f'EN 1561, EN 1563, EN 124 u EN 1433.

(27) Fir-rigward tal-*karatteristiċi kimiċi* tal-ikkastjar, kemm il-ħadid fondut griż kif ukoll dak duttili huma taħlita ta' ħadid u karbonju. Filwaqt li hemm differenzi minimi fl-istruttura tal-materja prima u anke fil-materjal miżjud matul il-proċess ta' produzzjoni (pereżempju manjeżju) il-prodotti finali ma juru ebda differenza sinifikanti f'dan ir-rigward.

(28) Ta' min jinnota li minħabba l-manjeżju miżjud matul il-proċess ta' produzzjoni tal-ħadid duttili, il-mikrostruttura tal-ħadid fondut tinbidel minn forma laqxija/fuljettata (ħadid fondut griż) għal struttura sferika. Terminu aktar preċiż għall-ħadid duttili huwa għalhekk "ħadid fondut sferiku tal-graffit".

(29) Fir-rigward tal-*karatteristiċi tekniċi*, l-investigazzjoni wriet li l-ħadid fondut duttili, bil-kontra tal-ħadid fondut griż, għandu karatteristiċi tekniċi li jippermettu lill-materjal jiflaħ stress ta' ksur akbar u, aktar importanti minn hekk, li jkun deformat b'mod aktar sinifikanti taħt saħħa kompressiva mingħajr ksur, jiġifieri il-ħadid fondut duttili għandu d-duttilità tal-plastik filwaqt li l-ħadid fondut griż jinqasam taħt stress kompressiv, jiġifieri huwa fraġli. L-investigazzjoni wriet ukoll li minkejja din id-differenza, karatteristiċi bażiċi mekkaniċi/tekniċi oħra bħal-laminar, ir-reżistenza għall-użu u l-elastiċità għall-ħadid fondut griż u l-ħadid fondut duttili huma paragunabbli.

(30) Barra minn hekk, id-differenzi bejn il-ħadid fondut griż u duttili msemmija hawn fuq jaffettwaw biss id-disinn rikjest tal-ikkastjar (pereżempju jekk hemmx bżonn ta' apparat biex jintrabat), iżda mhux l-utilità tal-ikkastjar għall-għan, li huwa biex jgħatti u/jew jagħti aċċess għal sistemi tal-art jew taħt il-wiċċ.

(31) Il-prodotti tal-ħadid fondut użati għall-użu msemmi hawn fuq għanhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-istandards EN 124 (għatien tat-toqob tal-ispezzjonar u wċuħ tal-kanali) u EN 1433 (spralli tal-kanali). Iż-żewġ standards jispeċifikaw li l-materjal tal-ħadid fondut għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' EN 1561 jew ta' EN 1563 (jiġifieri ħadid fondut griż jew duttili). Għaldaqstant, il-ħadid fondut kemm griż u kemm duttili huwa konformi mal-istandards, u għalhekk jista' jkun ikkunsidrat *interkambjabbli*.

(b) *L-użu finali*

(32) Il-konsumaturi għandhom il-perċezzjoni li ż-żewġ tipi ta' kkastjar huma l-istess prodott li jintuża biex jgħatti toqob tal-ispezzjonar, jipprovdu aċċess sigur u faċli għal netwerks taħt l-art jew biex jiġbru ilma tal-wiċċ (spralli). Iż-żewġ tipi jipprovdu soluzzjonijiet dejjiema fuq medda twila ta' żmien.

(c) *Konklużjoni*

(33) Bħala konsegwenza wieħed jikkonkludi li għalkemm hemm differenzi minimi bejn iż-żewġ tipi tal-prodott, dawn kienu korrettament ikkunsidrati bħala prodott wieħed billi dawn għandhom l-istess karattersitiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi, jintużaw għall-istess għan u huma interkambjabbli. Dan jikkonferma s-sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali u l-premessi (18) u (20) – (22) tar-Regolament tal-miżuri definittivi.

(34) Wara l-iżvelar finali, diversi partijiet interessati ikkuntestaw dawn is-sejbiet u saħqu li fl-investigazzjoni oriġinali kien diġà konkluż b'mod mhux korrett li l-ikkastjar magħmul minn ħadid fondut griż u duttili għandhom l-istess karatteristiċi u għandhom jitqiesu bħala prodott wieħed għall-għan tal-investigazzjoni. Dawn il-partijiet argumentaw li diversi fatturi jistgħu juru li ż-żewġ tipi ta' kkastjar mhumiex paragunabbli u għandhom jitqiesu bħala prodotti differenti. B'mod partikolari, dawn il-partijiet semmew (i) id-differenzi fil-proċess tal-produzzjoni li jwasslu għal (ii) karattersitiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi kompletament differenti u (iii) struttura differenti tal-ispejjeż u (iv) perċezzjoni differenti tal-konsumatur. Sabiex jappoġġjaw din l-allegazzjoni, diversi opinjonijiet esperti kif ukoll pubblikazzjonijiet f'rivisti professjonali kienu sottomessi lill-Kummissjoni. Dawn l-opinjonijiet tal-esperti ffukaw l-aktar fuq id-differenzi bejn il-ħadid fondut duttili u l-ħadid fondut griż fl-istruttura tal-graffit kif ukoll id-differenzi tekniċi, jiġifieri l-fatt li l-ħadid duttili tista' tinbidillu l-forma taħt stress kompressiv filwaqt li l-ħadid griż jinqasam taħt l-istess kundizzjonijiet.

(35) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li din l-investigazzjoni kkonfermat li dawn huma fil-fatt id-differenzi bejn iż-żewġ tipi tal-prodott, jiġifieri l-ikkastjar tal-ħadid fondut griż u l-ikkastjar tal-ħadid fondut duttili. Il-fatt li l-manjeżju huwa miżjud matul il-proċess ta' produzzjoni tal-ikkastjar tal-ħadid fondut duttili jbiddel l-istruttura tal-graffit minn laqxija/fuljettata għal sferika u jagħtiha karatteristiċi mekkaniċi differenti bħal ċerta deformità taħt stress kompressiv. Barra minn dan, l-ikkastjar tal-ħadid fondut duttili normalment għandhom bżonn disinn speċjali biex dawn jintrabtu mal-wiċċ. Madankollu, ta' min jiftakar li hija prattika normali li wieħed jeżamina jekk prodotti jew tipi ta' prodotti għandhomx l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi u jintużawx bażikament għall-istess użu biex ikun determinat jekk għandhomx jiffurmaw prodott wieħed għall-għan tal-investigazzjoni anti-dumping. Dan ifisser li t-tipi ta' prodott ma għandhomx għalfejn ikunu identiċi f'kull aspett minn perspettiva xjentifika (jew perspettivi oħrajn), iżda li ċerti differenzi jistgħu jkunu aċċettati sakemm il-karatteristiċi bażiċi msemmija hawn fuq huma l-istess. Barra minn dan, ta' min jiftakar li l-proċediment mhuwiex kontra l-importazzjoni tal-materjal innifsu pereżempju ħadid fondut, iżda kontra kkastjar użat biex jgħatti u/jew jagħti aċċess għal sistemi tal-art jew taħt il-wiċċ jew partijiet minnhom. L-insvestigazzjoni kkonfermat li l-ikkastjar tal-ħadid fondut duttili għandu l-istess karattersitiċi bażiċi ta' kkastjar tal-ħadid fondut griż (ara l-argumenti fil-premessi (24)-(30) aktar 'il fuq). Għaldaqstant, l-argument li l-ikkastjar tal-ħadid fondut griż u l-ikkastjar tal-ħadid fondut duttili ma għandhomx l-istess karatteristiċi bażiċi huwa miċħud.

4. **Spralli tal-kanali**

(36) Fil-qafas ta' din l-investigazzjoni, żewġ kumpaniji allegaw li s-sistemi ta' drenaġġ koperti mill-istandard EN 1433 ma għandhomx jaqgħu fl-ambitu tal-miżuri. Biex jappoġġjaw l-allegazzjoni tagħhom, il-partijiet interessati semmew li fir-Regolament tal-miżuri definittivi ssemma standard ieħor biss (EN 124) applikabbli għall-għatien tat-toqob tal-ispezzjonar u l-uċuħ tal-kanali, u li l-investigazzjoni oriġinali ffukat b'mod ċar fuq l-għatien tat-toqob tal-ispezzjonar.

(37) L-ilmentatur allega li l-Avviż ta' bidu tar-reviżjoni li tistipula l-qafas tar-reviżjoni parzjali interim ma jsemmix il-kwistjoni tal-ispralli tal-kanali u li għalhekk l-argumenti f'dan ir-rigward għandhom ikunu injorati. Dan l-argument huwa madankollu miċħud fid-dawl tal-fatt li l-Avviż ta' bidu tar-reviżjoni stipula ukoll li l-ambitu tal-prodott għandu jkun ikkjarifikat. Il-fatt li ngħatat attenzjoni partikolari lill-kwistjoni jekk ikkastjar tal-ħadid fondut duttili huwiex kopert mill-miżuri ma jeskludix l-analiżi ta' allegazzjonijiet oħrajn dwar l-ambitu tal-prodott.

(38) L-ewwel nett kien eżaminat jekk l-ispralli tal-kanali kinux koperti mill-investigazzjoni oriġinali.

(39) Kif imsemmi fil-premessa (14), l-Avviż ta' bidu tal-investigazzjoni oriġinali ddeskriva l-prodott ikkonċernat bħala "ċerti prodotti tal-ħadid fondut mhux malleabbli ta' tip użat biex jgħattu u/jew jipprovdu dħul f'sistemi mal-art jew taħt il-wiċċ, u partijiet ta' dawn (…)". Billi l-ispralli tal-kanali huma prodotti użati biex jgħattu sistemi mal-art jew taħt il-wiċċ u partijiet minnhom, l-Avviż ta' bidu kellu jinqara li jinkludi spralli tal-kanali bħala tip ta' kkastjar.

(40) Barra minn dan, il-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment oriġinali espliċitament issemmi li l-prodott ikkonċernat "huwa normalment imsemmi b'referenza għall-użu tiegħu li huwa uċuħ tat-toqob tal-ispezzjonar (jew għatien tat-toqob tal-ispezzjonar), uċuħ tal-kanali jew *spralli tal-kanali* u kaxxi tal-wiċċ" (ara punt 3.2.). Referenza oħra għall-ispralli tal-kanali bħala parti mill-prodott ikkonċernat tinstab fil-punt 3.5 (id-drenaġġ effiċjenti tal-ilma tal-wiċċ) u 3.6.

(41) Barra minn dan, l-ispralli tal-kanali kienu inklużi ukoll fid-deskrizzjoni tat-tipi tal-prodotti li kellhom ikunu rappurtati fil-kwestjonarju (numri ta' kontroll tal-prodott) u l-partijiet kollha li kkooperaw li rċevew il-kwestjonarju kellhom jirrappurtaw il-bejgħ ta' spralli tal-kanali wkoll. Għaldaqstant, is-sejbiet kollha dwar dumping, ħsara, kawża u interess Komunitarju tal-investigazzjoni oriġinali kienu jinkludu wkoll l-ispralli tal-kanali.

(42) Barra minn dan, fir-Regolament tal-miżuri definittivi li kien ukoll żvelat lill-partijiet kollha interessati, b'mod partikolari fil-premessi (15)-(17), jissemma li l-ikkastjar huwa prinċipalment magħmul minn qafas li huwa mwaħħal fl-art u għatu jew sprall li jidhol flaxx ma' kull wiċċ. Il-premessa (17) issemmi li l-għatien jew spralli huma disponibbli f'kull forma inkluż forom triangolari, tondi, kaxxi jew rettangolari, u aktar Fuq l-istess tema, fil-premessa (19) jissemma li l-preżentazzjonijiet differenti possibbli ta' kkastjar bħall-għatien tat-toqob tal-ispezzjonar, għatien tal-kanali u kaxxi tal-wiċċ, huma suffiċjentement simili u għalhekk jiffurmaw prodott wieħed fl-ambitu tal-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-kliem tar-Regolament tal-miżuri definittivi jindika li l-ispralli tal-kanali kienu inklużi wkoll bħala tip ta' preżentazzjoni possibbli tal-ikkastjar.

(43) Bħala konklużjoni, l-ispralli tal-kanali kienu inklużi fl-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni oriġinali, u dan seta' jkun iddeterminat fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq.

(44) Wara l-iżvelar finali, parti interessata allegat li la l-Avviż ta' bidu u lanqas ir-Regolament tal-miżuri definittivi ma kienu ċari fir-rigward tal-inklużjoni tal-ispralli tal-kanali fl-ambitu tal-investigazzjoni. Din il-parti allegat li filwaqt li l-Avviż ta' bidu tal-anqas ma kienx ċar fir-rigward tal-ispralli tal-kanali, il-premessa (16) tar-Regolament tal-miżuri definittivi speċifikat b'mod ċar li l-"ikkastjar għandu jipprovdi aċċess sigur u faċli għall-kamra ta' taħt l-art, kemm għall-iskop ta' spezzjonar fiżiku jew viżwali". Billi s-sistemi tad-drenaġġ lineari ma jippermettux l-aċċess għall-bniedem għal kamra ta' taħt l-art, iżda jservu għall-iskop tal-ilma tad-drenaġġ, huwa ċar li l-ispralli tal-kanali ma kinux koperti.

(45) Mhuwiex miċħud li l-ispralli tal-kanali/sistemi tad-drenaġġ lineari li huma normalment magħmula minn kanal tad-drenaġġ u sprall fuqu jservu l-aktar għall-għan tad-drenaġġ tal-ilma minn wiċċ. Madankollu, dawn jippermettu wkoll għal aċċess sigur u faċli għal kamra taħt l-art li, f'dan il-każ, ikun il-kanal tad-drenaġġ. Jekk, pereżempju, il-kanal tad-drenaġġ ikun imblukkat bil-weraq jew oġġetti oħra, persuna tista' wara li terfa' l-isprall, taċċessa il-kanal tad-drenaġġ biex tneħħi l-imblukkar. Anke jekk wieħed jassumi li l-kanal tad-drenaġġ ma jistax ikun ikkunsidrat bħala li jifforma parti mill-kamra taħt l-art billi l-ikkastjar sħiħ jagħti aċċess għaliha, wieħed jista' xorta jargumenta li l-isprall tal-kanal jgħatti kavità lineari fl-art li kienet imħaffra biex tippermetti d-drenaġġ tal-ilma. Qed ikun enfasizzat ukoll li s-sentenza fil-premessa msemmija ssemmi li l-aċċess jista' jkun għall-iskop ta' *spezzjoni viżwali* li hija bla dubju possibbli fil-każ ta' spralli tal-kanali. Barra minn dan, is-sentenza msemmija minn dik il-parti trid tinqara fil-kuntest, jiġifieri flimkien mal-premessa (15) u l-bidu tal-premessa (16) Kif imsemmi aktar 'il fuq, hemm stipulat li "l-ikkastjar huwa normalment magħmul minn qafas li huwa mwaħħal fl-art, u għatu jew *sprall*, li jidhol flaxx ma' kull wiċċ użat minn persuni bil-mixi u/jew vetturi u li jiflaħ direttament it-toqol u l-impatt tat-traffiku tal-persuni bil-mixi u/jew vetturi. (…) L-ikkastjar iservi l-għan li jgħatti kamra taħt l-art u jrid jiflaħ il-piż tat-traffiku ta' vetturi bil-mutur u/jew persuni bil-mixi. L-għatu *jew sprall* irid jibqa' mwaħħal sew fil-qafas sabiex ikun evitat it-tniġġis bl-istorbju, ħsara lill-persuni u lill-vetturi". L-investigazzjoni wriet li l-ispralli tal-kanali huma normalment magħmula minn kanal tad-drenaġġ li huwa mħaffer fl-art, u sprall, li jidhol flaxx ma' kull wiċċ użat minn persuni bil-mixi u/jew vetturi u li jiflaħ direttament it-toqol u l-impatt tat-traffiku tal-persuni bil-mixi u/jew vetturi. Barra minn dan, l-isprall tal-kanal jista' jintuża biex jagħti aċċess u/jew dħul għal kamra taħt l-art u dawn iridu wkoll isostnu l-piż tat-toqol tat-traffiku tal-vetturi bil-mutur u/jew persuni bil-mixi. Għaldaqstant, l-argument li l-ispralli tal-kanali kienu b'mod ċar mhux inklużi huwa miċħud.

(46) Fit-tieni stadju, biex ikun ikkjarifikat jekk is-sejbiet dwar spralli tal-kanali kinux korretti, kien eżaminat jekk l-ispralli tal-kanali għandhomx l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bħall-ikkastjar l-ieħor u jekk kinux għalhekk korrettament ikkunsidrati, flimkien mat-tipi l-oħrajn ta' kkastjar, bħala prodott wieħed.

(47) L-investigazzjoni kkonfermat li l-ispralli tal-kanali huma kkastjar magħmul minn ħadid fondut griż jew duttili, u li huma ġeneralment magħmula minn qafas imwaħħal fl-art u sprall li joqgħod flaxx ma' kull wiċċ. Il-qafas huwa poġġut direttament fuq il-wiċċ tal-kamra. L-ispralli tal-kanali jintużaw biex jgħattu l-art u jippermettu spezzjoni viżwali.

(48) Filwaqt li huwa minnu li l-għan ewlieni tal-ispralli tal-kanali huwa d-drenaġġ tal-wiċċ minn ilma eċċessiv sabiex vetturi u ajruplani jkunu jistgħu jużaw it-triq/runway b'mod sigur, dan ma jeskludix li l-ispralli tal-kanal ma jservux l-għan li jgħattu kamra taħt l-art, kif imsemmi hawn fuq, u jridu wkoll isostnu l-piż tal-vetturi. Barra minn hekk, tipi oħrajn ta' kkastjar (bħal uċuħ tal-kanali), ukoll, għandhom il-funzjoni tad-drenaġġ tal-ilma eċċessiv.

(49) Fir-rigward tal-argument tal-istandard nieqes EN 1433 fir-Regolament tal-miżuri definittivi, ta' min jinnota li fil-premessi (26) u (27) saret referenza għal EN 124 fil-prodott simili b'konnessjoni ma' allegazzjoni mill-partijiet interessati li l-ikkastjar magħmul u mibjugħ fir-RPĊ u l-ikkastjar magħmul u mibjugħ mill-industrija Komunitarja mhumiex l-istess. Dan, min-naħa l-oħra, ma jfissirx li l-prodotti koperti minn EN 1433 ma kinux koperti. Ir-referenza (jew nuqqas tagħha) ta' norma EN speċifika f'Regolament hija mogħtija biss għall-informazzjoni, u ma jfissirx li m'hemm l-ebda norma oħra li tista' tkun applikabbli. Barra minn dan, l-istandard EN 1433 kien standard ġdid fiż-żmien tal-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali (April 2003 – Marzu 2004), applikabbli minn Awwissu 2003, u kien jeżisti flinkien mal-istandards nazzjonali sa Awwissu 2004. Għaldaqstant, fil-ħin tal-ġbir tad-dejta matul l-investigazzjoni oriġinali, dan l-istandard ma kienx operattiv bis-sħiħ u kien jeżisti flimkien ma' standards oħrajn li jkopru l-istess prodott.

(50) Għaldaqstant, huwa kkonfermat li din il-preżentazzjoni partikolari tal-ikkastjar għandha l-istess karattersitiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi ta' għatien oħra ta' toqob tal-ispezzjonar, uċuħ tal-kanali jew kaxxi tal-wiċċ.

(51) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa kkjarifikat li l-prodotti li jaqgħu taħt EN 1433 kienu suġġetti għall-ambitu tal-prodott u għandhom jibqgħu suġġetti għall-miżuri billi d-differenza misjuba fl-għan prinċipali mhijiex sinifikanti biżżejjed biex tiġġustifika l-esklużjoni ta' din il-forma ta' kkastjar.

5. **Il-bżonn għal emenda tal-parti operattiva tar-Regolament tal-miżuri definittivi – rimarki finali**

(52) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, kien finalment ikkunsidrat xieraq li jkun eżaminat jekk il-kliem tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-miżuri definittivi u l-premessi (18) – (29) ta' dak ir-Regolament kinux f'armonija mas-sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali u s-sejbiet ta' hawn fuq. Fi kliem ieħor, il-kwistjoni kienet eżaminata biex ikun identifikat jekk wara kollox kienx hemm bżonn għal emenda tal-parti operattiva tar-Regolament tal-miżuri definittivi, u jekk setax wieħed jargumenta li l-verżjoni kurrenti tal-Artikolu 1 kinitx diġà tkopri b'mod ċar kull tip ta' kkastjar tal-ħadid duttili. F'dan ir-rigward, il-kummenti li waslu minn partijiet interessati fuq il-parti tad-definizzjoni tal-prodott tar-Regolament tal-miżuri definittivi kienu wkoll ikkunsidrati kif xieraq.

(53) Ta' min jiftakar li l-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-miżuri definittivi jistipula li l-ikkastjar tal-ħadid fondut "mhux malleabbli" għandu jkun kopert. ta' min jiftakar ukoll li l-investigazzjoni wriet li l-ħadid fondut duttili għandu d-duttilità tal-plastik (ara l-premessa 30).

(54) Il-mistoqsija li għalhekk qamet kienet jekk il-ħadid fondut duttili għandux dejjem ikun ikkunsidrat bħala "mhux malleabbli" minn perspettiva teknika minkejja l-fatt li dan għandu d-duttilità tal-plastik. Fix-xjenza materjali "malleabbiltà" tirreferi għall-abilità tal-materjal li jibdel il-forma taħt stress kompressiv li huwa kkaratterizzat mill-abilità tal-materjal li jifforma folja rqiqa meta jkun imsammar jew imrembel. F'dan il-kuntest kien allegat mill-industrija Komunitarja li l-kunċett ta' kkastjar magħmul minn ħadid fondut "mhux malleabbli" fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-miżuri definittivi jista' jirreferi għall-ikkastjar kollu li mhuwiex magħmul minn ħadid fondut malleabbli, u dan jinkludi kkastjar tal-ħadid fondut griż u ħadid fondut duttili. Kien għalhekk allegat li f'dan is-sens, wieħed jista' jargumenta li anke kkastjar tal-ħadid fondut duttili, meta mqabbel ma' ħadid fondut malleabbli, mhuwiex malleabbli u għalhekk kopert mill-Artikolu 1 tar-Regolament tal-miżuri definittivi mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

(55) Madankollu, ta' min jinnota li d-duttibbiltà u l-malleabbilità mhux dejjem għandhom korrelazzjoni; pereżempju, id-deheb huwa kemm duttili kif ukoll malleabbli, iżda ċ-ċomb huwa biss malleabbli. Barra minn hekk, matul l-investigazzjoni ta' reviżjoni kienet ipprovduta evidenza li l-ħadid fondut duttili ma jbiddilx biss il-forma taħt stress tensili, iżda wkoll taħt stress kompressiv sa ċertu punt. Għaldaqstnat, minn perspettiva teknika jidher, li l-ħadid fondut duttili ma għandux jitqies bħala mhux malleabbli (f'liema każ ma jkun hemm l-ebda bżonn għal emenda tal-parti operattiva tar-Regolament tal-miżuri definittivi).

(56) Madankollu, jibqa' l-fatt li l-ikkastjar tal-ħadid fondut duttili kien kopert mill-investigazzjoni oriġinali. Sabiex tkun eskluża kull ambigwità possibbli fl-interpretazzjoni, ir-Regolament tal-miżuri definittvi għandu jinbidel skont dan. B'mod partikolari, ta' min jiċċara li l-ambitu tal-prodott ikopri kkastjar tal-ħadid fondut mhux malleabbli u tal-ħadid fondut sferiku tal-graffit (ħadid duttili). Barra minn dan kodiċi tan-NM addizzjonali għandu jkun inkluż, jiġifieri kodiċi NM ex 7325 99 10 li jirreferi għal "prodotti oħra tal-fondut tal-ħadid u tal-azzar tal-ħadid fondut malleabbli". Dan kien neċessarju biex ikun żgurat li d-dazju anti-dumping li kien meqjus xieraq għal (fost l-oħrajn) dan it-tip ta' kkastjar tal-ħadid fondut duttili matul l-investigazzjoni orġinali issa jibda jsir applikabbli għalih.

6. **Ir-retroattività**

(57) Fl-Avviż ta' bidu tar-reviżjoni, il-partijiet interessati kienu espliċitament mistiedna jikkummentaw dwar effett possibbli li r-retroattività tal-konklużjonijiet jista' jkollha. Il-kwistjoni tar-retroattività kienet indirizzata minn diversi partijiet matul is-seduti u fis-sottomissjonijiet. B'mod ġenerali, il-partijiet kollha minbarra l-industrija Komunitarja esprimew in-nuqqas ta' qbil tagħhom mal-applikazjoni tar-retroattività tar-riżultati tar-reviżjoni.

(58) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-investigazzjoni kurrenti wriet li l-parti operattiva tar-Regolament tal-miżuri definittivi għandha tkun emendata sabiex ikun iċċarat l-ambitu tal-prodott u li għandu jiżdied kodiċi NM addizzjonali. Barra minn dan, jidher li fil-passat, xi operaturi bbażaw l-operat kummerċjali tagħhom fuq is-suppożizzjoni li kkastjar tal-ħadid duttili ma kienx kopert mid-dazju anti-dumping. Jekk l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' dan l-ikkastjar ikun retroattivament suġġett għad-dazju anti-dumping, l-operazzjonijiet ekonomiċi ta' dawk l-operaturi jkunu affettwati b'mod serju. Fid-dawl ta' dawn il-fatturi, jidher aktar xieraq li l-kjarifikazzjoni tal-ambitu tal-prodott għandu jkollha effett esklussivament għall-futur.

E. **KONKLUŻJONI**

(59) Fid-dawl tas-sejbiet ta' hawn fuq, huwa kkunsidrat xieraq li r-Regolament (KE) Nru 1212/2005 ikun rivedut sabiex l-ambitu tal-prodott kopert minn dak ir-Regolament ikun iċċarat u biex jiddaħħal li l-ambitu tal-prodott jinkludi ħadid fondut mhux malleabbli u ħadid fondut sferiku tal-graffit (ħadid duttili). Barra minn dan, kodiċi addizjonali NM għandha tkun inkluża jiġifieri kodiċi NM ex 7325 99 10.

(60) Is-sejbiet u l-proposta kienu żvelati lill-partijiet interessati u l-kummenti tagħhom ikkunsidrati fejn xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1212/2005 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Qiegħed jiġi b'dan impost dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjoni ta' kkastjar tal-ħadid fondut mhux malleabbli u ħadid fondut graffit sferiku (ħadid duttili) tat-tip użat biex jgħatti u/jew jagħti aċċess għal sistemi fl-art jew taħt l-art, u partijiet minnhom, kemm jekk ikunu maħdumin bil-magni u kemm jekk le, miksijin jew miżbugħin jew iffitjati b'materjali oħra, minbarra idranti tat-tifi tan-nar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, bħalissa kklassifikat bil-kodiċi NM 7325 10 50, 7325 10 92, ex 7325 10 99 (kodiċi Taric 7325 10 99 10) u ex 7325 99 10 (kodiċi Taric 7325 99 10 10)."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 11 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. SLAMEČKA

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 501/2009

## tal-15 ta' Ġunju 2009

## li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar id-Deċiżjoni 2009/62/KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2009 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2009/62/KE li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 ([2]), li tistabbilixxi lista aġġornata ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika dak ir-Regolament.

(2) Il-Kunsill ipprovda lil kull persuna, kull grupp u kull entità li għalihom dan kien possibbli fil-prattika b'dikjarazzjonijiet ta' raġunijiet fejn fisser għaliex huma kienu elenkati fil-lista li tinsab fid-Deċiżjoni 2009/62/KE. Fil-każ ta' persuna waħda, kienet ippreżentata dikjarazzjoni ta' raġunijiet immodifikata f'Marzu 2009.

(3) B'avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), il-Kunsill informa lill-persuni, lill-gruppi u lill-entitajiet elenkati fid-Deċiżjoni 2009/62/KE li hu ddeċida li jżommhom fuq il-lista. Il-Kunsill informa wkoll lill-persuni, lill-gruppi u lill-entitajiet ikkonċernati li kienet possibbli li tintalab dikjarazzjoni ta' raġunijiet tal-Kunsill għall-inklużjoni tagħhom fil-lista fejn din ma kinitx diġà ġiet ikkomunikata lilhom.

(4) Il-Kunsill wettaq reviżjoni kompleta tal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(3) ta' dak ir-Regolament. Meta għamel dan, huwa ħa kont ta' osservazzjonijiet ippreżentati lill-Kunsill minn dawk ikkonċernati.

(5) Il-Kunsill iddetermina li ma għadx hemm raġunijiet biex jinżammu ċerti persuni fuq il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 u l-lista għandha tiġi adattata kif meħtieġ.

(6) Il-Kunsill ikkonkluda li bl-eċċezzjoni tal-persuni msemmija fil-premessa (5), il-persuni, il-gruppi u l-entitajiet l-oħra elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament kienu involuti f'atti terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ([4]), li ttieħdet deċiżjoni fir-rigward tagħhom minn awtorità kompetenti fis-sens tal-Artikolu 1(4) ta' dik il-Pożizzjoni Komuni, u li huma għandhom ikomplu jkunu suġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fir-Regolament (KE) Nru 2580/2001.

(7) Il-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-lista prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 għandha tiġi sostitwita bil-lista li tinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2009/62/KE hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kunsill*
*Il President*
J. KOHOUT

---

([1]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70.
([2]) ĠU L 23, 27.1.2009, p. 25.
([3]) ĠU C 136, 16.6.2009, p. 35.
([4]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93.

*ANNESS*

**Lista ta' persuni, gruppi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1**

1. PERSUNI

1. ABOU, Rabah Naami (magħruf ukoll bħala Naami Hamza; magħruf ukoll bħala Mihoubi Faycal; magħruf ukoll bħala Fellah Ahmed; magħruf ukoll bħala Dafri Rèmi Lahdi) imwieled fl-1.2.1966 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al- Hijra")

2. ABOUD, Maisi (magħruf ukoll bħala l-Abderrahmane Svizzeru) imwieled fis- 17.10.1964 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

3. AL-MUGHASSIL, Ahmad Ibrahim (magħruf ukoll bħala ABU OMRAN; magħruf ukoll bħala AL-MUGHASSIL, Ahmed Ibrahim) imwieled fis-26.6.1967 f'Qatif-Bab al Shamal (Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita

4. AL-NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, imwieled f'Al Ihsa (l-Arabja Sawdita); ċittadin ta' Arabja Sawdita

5. AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, imwieled fis-16.10.1966 f'Tarut, l-Arabja Sawdita; ċittadin tal-Arabja Sawdita

6. ARIOUA, Kamel (magħruf ukoll bħala Lamine Kamel) imwieled fit-18.8.1969 f'Kostantin (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

7. ASLI, Mohamed (magħruf ukoll bħala Dahmane Mohamed) imwieled fit-13.5.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

8. ASLI, Rabah imwieled fit-13.5.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

9. ATWA, Ali (magħruf ukoll bħala BOUSLIM, Ammar Mansour; magħruf ukoll bħala SALIM, Hassan Rostom), il-Libanu, imwieled fl-1960 fil-Libanu; ċittadin tal-Libanu

10. BOUYERI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu ZUBAIR; magħruf ukoll bħala SOBIAR; magħruf ukoll bħala Abu ZOUBAIR), imwieled fit-8.3.1978 f'Amsterdam (l-Olanda) (Membru tal-"Hofstadgroep")

11. DARIB, Noureddine (magħruf ukoll bħala Carreto; magħruf ukoll bħala Zitoun Mourad) imwieled fl-1.2.1972 fl-Alġerija (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

12. DJABALI, Abderrahmane (magħruf ukoll bħala Touil) imwieled fl-1.6.1970 fl- Alġerija (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

13. EL FATMI, Nouredine (magħruf ukoll bħala Nouriddin EL FATMI; magħruf ukoll bħala Nouriddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Noureddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Abu AL KA'E KA'E; magħruf ukoll bħala Abu QAE QAE; magħruf ukoll bħala FOUAD; magħruf ukoll bħala FZAD; magħruf ukoll bħala Nabil EL FATMI; magħruf ukoll bħala Ben MOHAMMED; magħruf ukoll bħala Ben Mohand BEN LARBI; magħruf ukoll bħala Ben Driss Muhand IBN LARBI; magħruf ukoll bħala Abu TAHAR; magħruf ukoll bħala EGGIE), imwieled fil-15.8.1982 f'Midar (il-Marokk), Nru tal-passaport (il-Marokk) N829139 (Membru tal-"Hofstadgroep")

14. EL-HOORIE, Ali Saed Bin Ali (magħruf ukoll bħala AL-HOURI, Ali Saed Bin Ali; magħruf ukoll bħala EL-HOURI, Ali Saed Bin Ali) imwieled fl-10.7.1965 jew il- 11.7.1965 f'El Dibabiya, (l-Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita

15. FAHAS, Sofiane Yacine, imwielda fl-10.9.1971 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

16. IZZ-AL-DIN, Hasan (magħruf ukoll bħala GARBAYA, AHMED; magħruf ukoll bħala SA-ID; magħruf ukoll bħala SALWWAN, Samir), il-Libanu, imwieled fl-1963 fil- Libanu, ċittadin tal-Libanu

17. MOHAMMED, Khalid Shaikh (magħruf ukoll bħala ALI, Salem; magħruf ukoll bħala BIN KHALID, Fahd Bin Adballah; magħruf ukoll bħala HENIN, Ashraf Refaat Nabith; magħruf ukoll bħala WADOOD, Khalid Adbul) imwieled fl-14.4.1965 jew fl-1.3.1964 fil-Pakistan, passaport Nru 488555

18. MOKTARI, Fateh (magħruf ukoll bħala Ferdi Omar) imwieled fis-26.12.1974 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

19. NOUARA, Farid imwieled fil-25.11.1973 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

20. RESSOUS, Hoari (magħruf ukoll bħala Hallasa Farid) imwieled fil-11.9.1968 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

21. SEDKAOUI, Noureddine (magħruf ukoll bħala Nounou) imwieled fit-23.6.1963 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

22. SELMANI, Abdelghani (magħruf ukoll bħala Gano) imwieled fl-14.6.1974 f'Alġeri (l- Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

23. SENOUCI, Sofiane imwielda fil-15.4.1971 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (Membru ta'"al-Takfir" u "al-Hijra")

24. SISON, Jose Maria (magħruf ukoll bħala Armando Liwanag, magħruf ukoll bħala Joma, li għandu rwol prinċipali fil-Partit Komunista tal-Filippini inkluż l-NPA) imwieled fit- 8.2.1939 f'Cabugao, il-Filippini

25. TINGUALI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Mouh di Kouba) imwieled fil- 21.4.1964 fi Blida (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

26. WALTERS, Jason Theodore James (magħruf ukoll bħala Abdullah; magħruf ukoll bħala David), imwieled fis- 6.3.1985 f'Amersfoort (l-Olanda), Nru tal-passaport (l- Olanda) NE8146378 (Membru tal-"Hofstadgroep")

2. GRUPPI U ENTITAJIIET

1. L-Organizzazzjoni Abu Nidal ("ANO"), (magħrufa ukoll bħala l-"Kunsill Rivoluzzjonarju ta' Fatah", il-"Brigati Rivoluzzjonarji Għarab", "Settembru l- Iswed", u l-"Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tal-Musulmani Soċjalisti")
2. "Il-Brigata tal-Martri ta' Al-Aqsa"
3. "Al-Aqsa e.V."
4. "Al-Takfir" u "Al-Hijra"
5. "Aum Shinrikyo" (magħruf ukoll bħala "AUM", magħruf ukoll bħala "Aum Verita Suprema," magħruf ukoll bħala "Aleph")
6. "Babbar Khalsa"
7. Il-"Partit Komunista tal-Filippini", inkluż "l-Armata l-Ġdida tal-Poplu" - "NPA", il-Filippini, marbuta ma' SISON Jose Maria C. (magħruf ukoll bħala Armando Liwang, magħruf ukoll bħala Joma, li għandu rwol prinċipali fil-"Partit Komunista tal-Filippini" inkluża l-"NPA")
8. "Gama'a al-Islamiyya" ("Grupp Islamiku"), (magħruf ukoll bħala "Al-Gama'a al-Islamiyya" - "IG") "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" "IBDA-C"(Il-Front Kbir Islamiku tal- Ġellieda tal-Lvant)
9. "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" – "IBDA-C" ("Great Islamic Eastern Warriors Front")
10. "Hamas" (inkluż "Hamas-Izz al-Din al-Qassem")
11. "Hizbul Mujahideen "("HM")
12. "Hofstadgroep"
13. Il-"Fondazzjoni ta' l-Art Imqaddsa għas-Soljev u l-Iżvilupp"
14. Il-"Federazzjoni Internazzjonali taż-Żgħażagħ Sikh" ("ISYF")
15. "Kahane Chai" ("Kach")
16. Il-"Forza Khalisan Zindabad" ("KZF")
17. Il-"Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan" ("PKK"), (magħruf ukoll bħala "KADEK"; magħruf ukoll bħala "KONGRA-GEL")
18. "Tigri għal-Liberazzjoni ta' Tamil Eelam" ("LTTE")
19. L-"Armata għal-Liberazzjoni Nazzjonali" ("Ejército de Liberación Nacional")
20. Il-"Front għal-Liberazzjoni tal-Palestina" ("PLF")
21. Il-"Jihad Islamika Palestinjana" ("PIJ")
22. Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina" ("PFLP")
23. Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina – Kmand Ġenerali", (magħruf ukoll bħala "PFLP – Kmand Ġenerali")
24. "Fuerzas armadas revolucionarias de Colombia" "Il-Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja" ("FARC")
25. "Devrimci Halk Kurtuluş Partisi-Cephesi" "L-Armata/Il-Front/Il-Partit Rivoluzzjonarju/a għal-Liberazzjoni tal-Poplu" ("DHKP/C"), (magħruf ukoll bħala "Devrimci Sol" ("Xellug Rivoluzzjonarju"), "Dev Sol")
26. It-"Triq li Tiddi" (SL) ("Sendero Luminoso")
27. "Stichting Al Aqsa" (magħruf ukoll bħala "Stichting Al Aqsa Nederland", magħruf ukoll bħala "Al Aqsa Nederland")
28. "TAK" - "Teyrbazen Azadiya Kurdistan", magħruf ukoll bħala l-"Kurdistan Freedom Falcons", il-"Kurdistan Freedom Hawks"
29. Il-"Forzi/Grupp Magħqud(a) għad-Difiża Leġittima tal-Kolombja" ("AUC") ("Autodefensas Unidas de Colombia")

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 502/2009

## tal-15 ta' Ġunju 2009

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-16 ta' Ġunju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 37,3 |
| | MK | 35,9 |
| | TR | 53,6 |
| | ZA | 28,0 |
| | ZZ | 38,7 |
| 0707 00 05 | MK | 31,4 |
| | TR | 129,3 |
| | ZZ | 80,4 |
| 0709 90 70 | TR | 108,5 |
| | ZZ | 108,5 |
| 0805 50 10 | AR | 65,1 |
| | BR | 104,3 |
| | TR | 54,8 |
| | ZA | 87,2 |
| | ZZ | 77,9 |
| 0808 10 80 | AR | 78,3 |
| | BR | 73,7 |
| | CL | 78,6 |
| | CN | 100,0 |
| | NZ | 104,6 |
| | US | 122,4 |
| | UY | 49,5 |
| | ZA | 80,3 |
| | ZZ | 85,9 |
| 0809 10 00 | TN | 146,2 |
| | TR | 177,7 |
| | ZZ | 162,0 |
| 0809 20 95 | TR | 442,2 |
| | ZZ | 442,2 |
| 0809 30 | TR | 193,8 |
| | US | 340,6 |
| | ZZ | 267,2 |
| 0809 40 05 | CL | 118,9 |
| | ZZ | 118,9 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 503/2009**

**tal-15 ta' Ġunju 2009**

**li jffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' Ġunju 2009**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002, ex 1005 minbarra ż-żrieragħ ibridi, u ex 1007 minbarra l-ibridu għaż-żrigħ, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni CIF applikabbli għall-kunsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu msemmi, għall-prodotti kkonċernati kull tant żmien jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi CIF għall-importazzjoni.

(3) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96, il-prezz li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu pprovdut fl-Artikolu 4 tar-Regolament imsemmi.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu mis-16 ta' Ġunju 2009, applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ dazji tal-importazzjoni ġodda,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mis-16 ta' Ġunju 2009, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-16 ta' Ġunju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.

*ANNESS I*

**Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mis-16 ta' Ġunju 2009**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju tal-importazzjoni ([1]) (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 0,00 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 45,92 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 6,29 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ ([2]) | 6,29 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 45,92 |

([1]) Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

([2]) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

1.6.2009-12.6.2009

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

*(EUR/t)*

| | Qamħ (1) | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja (2) | Qamħ iebes kwalità baxxa (3) | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 209,13 | 123,04 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 211,11 | 201,11 | 181,11 | 98,17 |
| Tariffa fuq il-Golf | — | 12,20 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar | 8,93 | — | — | — | — | — |

(1) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(2) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(3) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

| | |
|---|---|
| Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 20,49 EUR/t |
| Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: | 17,93 EUR/t |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 504/2009

## tal-15 ta' Ġunju 2009

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 546/2003 dwar ċerti notifiki li jirrigwardjaw l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75, (KEE) Nru 2777/75 u (KEE) Nru 2783/75 fis-setturi tal-bajd u l-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 192, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ u l-lactalbumin [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2003 [3] jipprovdi li l-Istati Membri jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull nhar ta' Ħamis dwar il-prezz tal-bejgħ fl-istabbilimenti tal-ippakkjar għall-bajd tal-klassi A minn tiġieġ fil-gaġeġ, jiġifieri l-medja tal-kategoriji L u M. Ċerti Stati Membri ttrasponew id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid [4] billi fit-territorju tagħhom imponew standards tal-benessri aktar stretti mill-istandards minimi ffissati f'dik id-Direttiva. B'konsegwenza ta' dan, ċerti metodi ta' trobbija għat-tiġieġ tal-bidien ma baqgħux jitħaddmu fl-Istati Membri kollha. Għal din ir-raġuni, l-Istati Membri li ma għadhomx fil-qagħda li jikkomunikaw lill-Kumissjoni l-prezz tal-bajd prodott fil-gaġeġ għandhom jikkomunikawlha l-prezz tal-bajd prodott fl-imtamar.

(2) Għal finijiet ta' armonizzazzjoni, il-komunikazzjonijiet kollha marbuta mal-prezzijiet fis-settur tal-laħam għandhom jintbagħtu fl-istess ġurnata fost il-ġimgħa; għalhekk huwa f'loku li n-notifiki jsiru nhar ta' Erbgħa.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 546/2003 għaldaqstant għandu jkun emendat skont dan.

(4) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 546/2003, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Sa mhux aktar tard minn 12:00 (ħin ta' Brussell) kull nhar ta' Erbgħa, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni elettronikament:

(a) il-prezz tal-bejgħ fl-istabbilimenti tal-ippakkjar għall-bajd tal-klassi A minn tiġieġ fil-gaġeġ, jiġifieri l-medja tal-kategoriji L u M, jew, fejn il-produzzjoni fil-gaġeġ ma għadhiex rappreżentattiva, il-prezz tal-bejgħ tal-bajd prodott minn tiġieġ tal-bidien miżmuma f'sistema tal-matmura, filwaqt li jindikaw li l-prezz tal-bejgħ jirreferi għal bajd prodott fil-matmura;

(b) il-prezz tal-bejgħ fl-impjanti tat-tbiċċir jew il-prezzijiet bl-ingrossa rreġistrati fis-swieq rappreżentattivi għal tiġieġ sħiħ tal-klassi A magħrufa bħala 'tiġieġ tal-65 %', jew inkella għal preżentazzjoni oħra ta' tiġieġ sħiħ, jekk tkun aktar rappreżentattiva."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

---

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 282, 1.11.1975, p. 104.
(3) ĠU L 81, 28.3.2003, p. 12.
(4) ĠU L 203, 3.8.1999, p. 53.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 505/2009

## tal-15 ta' Ġunju 2009

## li jaġġusta l-obbligi tal-konsenja għaz-zokkor tal-kannamieli li għandu jiġi importat skont il-Protokoll AKP u l-Ftehim mal-Indja għall-perjodu ta' konsenja 2008/2009 u għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 153(4) tiegħu, b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli ddettaljati ta' applikazzjoni għas-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 għall-importazzjoni u l-irfinar tal-prodotti taz-zokkor skont ċerti kwoti tariffarji u ftehimiet preferenzjali ([2]) jipprovdi għal regoli ddettaljati għall-iffissar tal-obbligi tal-kunsinna bħala mingħajr dazju għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1701, espressi f'ekwivalenti ta' zokkor abjad, għall-importazzjonijiet li joriġinaw f'pajjiżi li huma firmatarji għall-Protokoll AKP u l-Ftehim mal-Indja.

(2) Dawn il-kwantitajiet kienu ffissati proviżorjament mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 403/2008 tas-6 ta' Mejju 2008 li jiffissa proviżorjament obbligi ta' konsenja għal zokkor tal-kannamiela li għandu jiġi impurtat taħt il-Protokoll AKP u l-Ftehim mal-Indja għall-perjodu ta' konsenja 2008/2009 ([3]) u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1088/2008 tal-5 ta' Novembru 2008 li jistipula b'mod proviżorju l-obbligi tal-konsenja taz-zokkor tal-kannamieli li għandu jiġi importat skont il-Protokoll AKP u l-Ftehim mal-Indja għall-perjodu ta' konsenja li jibda mill-1 ta' Lulju 2009 ([4]).

(3) L-Artikolu 7(1) u (2) tal-Protokoll AKP jistipula r-regoli għall-każijiet fejn Stat mill-AKP jonqos milli jikkonsenja l-kwantità miftehma.

(4) L-awtoritajiet kompetenti tal-Barbados, tal-Kongo, tal-Ġamajka, tal-Mawrizju, tat-Tanzanija u tat-Trinidad u Tobago infurmaw lill-Kummissjoni li ma jistgħux jikkonsenjaw il-kwantitajiet kollha miftiehma magħhom għaż-żewġ perjodi ta' konsenja kkonċernati.

(5) Wara konsultazzjoni mal-Istati mill-AKP ikkonċernati, l-allokazzjoni mill-ġdid tan-nuqqas tal-kwantità għandha ssir għall-perjodu tal-konsenja 2008/2009.

(6) L-obbligi tal-konsenja għall-perjodu tal-konsenja 2008/2009 u l-perjodu tal-konsenja li jibda mill-1 ta' Lulju 2009 għandhom ikunu aġġustati skont l-Artikoli 12(1), 12(2)(c) u 12(4) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 u tar-Regolamenti (KE) Nru 403/2008 u (KE) Nru 1088/2008 għandhom għalhekk jitħassru.

(7) Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jistipula li l-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu ma għandux japplika għal kwantità allokata mill-ġdid skont l-Artikolu 7(1) jew (2) tal-Protokoll AKP. Il-kwantità allokata mill-ġdid skont dan ir-Regolament għandha għalhekk tiġi importata qabel it-30 ta' Ġunju 2009. Madankollu, din l-allokazzjoni mill-ġdid tinvolvi wkoll t-trasferiment tal-kwantitajiet mill-perjodu tal-konsenja li jibda mill-1 ta' Lulju 2009. Għalhekk il-flessibbiltà tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 għandha tapplika wkoll għall-kwantità allokata mill-ġdid skont dan ir-Regolament.

(8) Skont l-Artikolu 153(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-liċenzji tal-importazzjoni taz-zokkor għar-raffinar għandhom jinħarġu biss lir-raffinaturi full-time sakemm il-kwantitajiet konċernati ma jaqbżux il-kwantitajiet li jistgħu jiġu importati fil-qafas tal-provvista tradizzjonali meħtieġa msemmija fl-Artikolu 153(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Madankollu, skont l-Artikolu 155 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' deroga mill-Artikolu 153(3) ta' dak ir-Regolament sabiex tiżgura li z-zokkor mill-AKP u l-Indja jiġi importat fl-Komunità skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Protokoll AKP u l-Ftehim mal-Indja. Għall-perjodu ta' konsenja li jibda mill-1 ta' Lulju 2009 u b'konsiderazzjoni tat-tnaqqis fil-prezz taz-zokkor tal-kannamieli importat u mhux maħdum fl-1 ta' Ottubru 2009, dawn il-kundizzjonijiet jistgħu biss jiġu sodisfatti jekk in-negozjanti jkollhom aċċess għal-liċenzji tal-importazzjoni taz-zokkor għar-raffinar. Huwa għalhekk meħtieġ li jkun hemm deroga mill-Artikolu 10(1) tar-Regoalment (KE) Nru 950/2006 li jillimita t-tressiq tal-applikazzjonijiet għaz-zokkor għar-raffinar għar-raffinaturi full-time.

(9) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 205.
([3]) ĠU L 120, 7.5.2008, p. 6
([4]) ĠU L 297, 6.11.2008, p. 12

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-obbligi għall-konsenji tal-importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiżi firmatarji għall-Protokoll tal-AKP u għall-Ftehim mal-Indja fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1701, espressi f'ekwivalenti ta' tunnellati ta' zokkor abjad, fil-perjodu ta' konsenja 2008/2009 u l-perjodu ta' konsenja li jibda mill-1 ta' Lulju 2009 għal kull pajjiż esportatur ikkonċernat, huma b'dan aġġustati kif jidher fl-Anness.

*Artikolu 2*

B'deroga mill-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006, l-Artikolu 14(1) ta' dak ir-Regolament għandu japplika għall-kwantità allokata mill-ġdid skont dan ir-Regolament u importata wara t-30 ta' Ġunju 2009.

*Artikolu 3*

Għall-obbligi tal-konsenja tal-perjodu tal-konsenja li jibda mill-1 ta' Lulju 2009 u permezz ta' deroga mill-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 ([1]), l-applikanti kollha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 jistgħu jressqu applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni taz-zokkor għar-raffinar fl-Istat Membru fejn huma reġistrati għall-finijiet tal-VAT.

*Artikolu 4*

Ir-Regolamenti (KE) Nru 403/2008 u (KE) Nru 1088/2008 huma abrogati.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 330M, 9.12.2008, p. 387.

*ANNESS*

L-obbligi għall-konsenji tal-importazzjonijiet taz-zokkor preferenzjali li joriġinaw fil-pajjiżi firmatarji għall-Protokoll AKP u għall-Ftehim mal-Indja espressi f'ekwivalenti ta' tunnellati ta' zokkor abjad, għall-perjodu 2008/2009:

| Il-pajjiż firmatarju għall-Protokoll AKP jew għall-Ftehim mal-Indja | L-obbligi tal-konsenja 2008/2009 |
|---|---|
| Il-Barbados | 25 491,36 |
| Il-Beliże | 72 069,06 |
| Il-Kongo | 5 213,50 |
| Il-Côte-d'Ivoire | 10 695,41 |
| Il-Fiġi | 169 837,06 |
| Il-Gujana | 166 683,92 |
| L-Indja | 10 485,19 |
| Il-Ġamajka | 101 765,52 |
| Il-Kenja | 4 979,51 |
| Il-Madagaskar | 10 766,70 |
| Il-Malawi | 44 331,43 |
| Il-Mawrizju | 456 811,21 |
| Il-Możambik | 22 517,62 |
| L-Uganda | 0,00 |
| San Kitts u Nevis | 0,00 |
| Is-Surinam | 0,00 |
| Is-Sważiland | 171 933,98 |
| It-Tanzanija | 0,00 |
| It-Trinidad u t-Tobago | 12 265,90 |
| Iż-Żambja | 25 322,72 |
| Iż-Żimbabwe | 56 685,68 |
| Total | 1 367 855,75 |

L-obbligi għall-konsenji tal-importazzjonijiet taz-zokkor preferenzjali, u li joriġinaw fil-pajjiżi firmatarji għall-Protokoll AKP u għall-Ftehim mal-Indja espressi f'ekwivalenti ta' zokkor abjad, għall-perjodu tal-konsenja li jibda mill-1 ta' Lulju 2009:

| Il-pajjiż firmatarju għall-Protokoll AKP jew għall-Ftehim mal-Indja | Obbligi tal-konsenja għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2009 |
|---|---|
| Il-Barbados | 8 024,35 |
| Il-Beliże | 11 670,03 |
| Il-Kongo | 2 546,53 |
| Il-Côte-d'Ivoire | 2 546,53 |
| Il-Fiġi | 41 337,08 |
| Il-Gujana | 41 282,85 |
| L-Indja | 2 500,00 |
| Il-Ġamajka | 30 558,58 |
| Il-Kenja | 1 250,00 |
| Il-Madagaskar | 2 690,00 |
| Il-Malawi | 5 206,10 |
| Il-Mawrizju | 122 757,63 |
| Il-Możambik | 1 500,00 |
| L-Uganda | 0,00 |
| San Kitts u Nevis | 0,00 |
| Is-Surinam | 0,00 |
| Is-Sważiland | 29 461,13 |
| It-Tanzanija | 1 941,63 |
| It-Trinidad u t-Tobago | 10 937,75 |
| Iż-Żambja | 1 803,75 |
| Iż-Żimbabwe | 7 556,20 |
| Total | 325 570,14 |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 506/2009**

**tal-15 ta' Ġunju 2009**

**li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Olej rydzowy (STG)]**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti ([1]),u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament imsemmi, it-talba tal-Polonja biex id-denominazzjoni "Olej rydzowy" tkun irreġistrata ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 509/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

(3) Ma ntalbitx il-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija irreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.

([2]) ĠU C 244, 25.9.2008, p. 27.

*ANNESS*

Prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE maħsuba għall-ikel uman:

**Klassi 1.5. Żjut u sustanzi xaħmija (butir, marġerina, żjut, eċċ.)**

Olej rydzowy (STG)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 507/2009

## tal-15 ta' Ġunju 2009

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Abbacchio Romano (IĠP))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament imsemmi, it-talba tal-Italja biex id-denominazzjoni "Abbacchio Romano" tkun irreġistrata ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 213.
[2] ĠU C 269, 24.10.2008, p. 16.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE:

**Klassi 1.1. Laħam (u interjuri) frisk/i**

L-ITALJA

Abbacchio Romano (IĠP)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 508/2009

## tal-15 ta' Ġunju 2009

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 121(e) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 ([2]) il-laboratorji nazzjonali ta' referenza għandhom jgħaddu lill-Bord tal-Esperti, qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena, ir-riżultati tal-kontrolli relatati mal-monitoraġġ tal-kontenut tal-ilma fil-laħam tat-tjur stabbilit f'dak ir-Regolament.

(2) F'ġieħ l-armonizzazzjoni, huwa rakkomandabbli li l-laboratorji nazzjonali ta' referenza kollha jużaw l-istess mudelli u l-istess indirizz meta jittrasferixxu d-dejta lill-Bord tal-Esperti.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 543/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 543/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 18(1), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena, il-laboratorji nazzjonali ta' referenza għandhom jgħaddu r-riżultati tal-kontrolli msemmija f'paragrafu 1 permezz tal-formola stabbilita fl-Anness XIIa għal dan ir-Regolament. Ir-riżultati għandhom jiġu ppreżentati lill-Kumitat ta' Ġestjoni għall-istharriġ skont l-Artikolu 195 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007."

(b) Jiżdied l-Anness XIIa ġdid, li t-test tiegħu huwa stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 157, 17.6.2008, p. 46.

*ANNESS*

*"ANNESS XIIa*

**Prodotti msemmija fl-Artikolu 18 (1)**

Dejta ta' kontroll għall-karkassi sħaħ tat-tiġieġ mill-1.1.2…… – 31.12.2……

**Isem tal-Istat Membru**

| Kampjun Nru tal-ID | Produttur Nru tal-ID | Tkessiħ Metodu | Anness VI (*) Telf f'Taqtir (***) % | Anness VI (*) Limitu ta' Telf f'Taqtir | Anness VII (*) Piż [g] (**) | Anness VII (*) Ilma ($W_A$) [g] | Anness VII (*) Proteina ($RP_A$) [g] | Anness VII (*) Limitu ta' Ilma ($W_g$) [g] | Aktar mil-Limitu X | Azzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |

(*) Annessi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008
(**) Piż – piż medju ta' 7 karkassi [g]
(***) Telf f'Taqtir – telf medju tal-ilma f' % ta' 20 karkassa

*Biex tintbagħat lil:* AGRI-C4-ANIMAL-PRODUCTS@ec.europa.eu

Dejta ta' kontroll għall-karkassi tat-tiġieġ mill-1.1.2...... – 31.12.2......

**Isem tal-Istat Membru**

| Kampjun<br>Nru tal-ID | Speċi (*)<br>Tip ta' qatgħat | Produttur<br>Nru tal-ID | Tkessiħ Metodu (**) | Ilma<br>($W_A$) % | Proteina<br>($RP_A$) % | Proporzjoni<br>Ilma/Proteina | Limitu mir-<br>Regolament | Aktar mil-Limitu<br>X | Azzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |

(*) T = It-Turkija, C = Tiġieġ
(**) A = Tkessiħ tal-arja, AS = Tkessiħ b'raxx ta' arja, IM = Tkessiħ b'immersjoni

*Biex tintbagħat lil:* AGRI-C4-ANIMAL-PRODUCTS@ec.europa.eu"

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUNSILL U IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

**tat-18 ta' Mejju 2009**

**dwar Pożizzjoni tal-Komunità fir-rigward ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE - Albanija li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu inklużi r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni**

(2009/463/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidraw id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tagħha,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikolu 116 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra ([2]) (minn issa msejjaħ "il-Ftehim") joħloq Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

(2) L-Artikolu 117(2) tal-Ftehim jipprovdi li l-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jistabilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu nnifsu.

(3) L-Artikolu 120(1) tal-Ftehim jipprovdi li l-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fit-twettiq tad-doveri tiegħu għandu jkun megħjun minn Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

(4) L-Artikolu 120 (2) u (3) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu, fir-regoli ta' proċedura tiegħu, jiddetermina d-dmirijiet tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u li l-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jiddelega kwalunkwe setgħa minn dawk li għandu lill-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Komunita fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tal-imsemmi Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u tad-delegazzjoni tas-setgħat tiegħu lill-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandha tkun imsejsa fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, mehmuż ma' din id-Deċiżjoni. Emendi minuri lil dan l-abbozz ta' deċiżjoni jistgħu jintlaqgħu mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 107, 28.4.2009, p. 165.
([2]) ĠU L 107, 28.4.2009, p. 166.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Mejju 2009.

| | |
|---|---|
| *Għall-Kunsill* | *Għall-Kummissjoni* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. KOHOUT | José Manuel BARROSO |

*ANNESS*

**ID-DEĊIŻJONI Nru 1 TAL-KUNSILL TA' STABILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI UE—ALBANIJA**

**ta' …**

**li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu**

IL-KUNSILL TA' STABILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija ([1]) (minn issa 'l quddiem "l-Albanija"), min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikoli 116 u 117 tiegħu,

Billi l-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2009,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Presidenza**

Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jkun ippresedut b'mod li jalterna għal perjodi ta' tnax-il xahar minn rappreżentant tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, f'isem il-Komunitajiet u l-Istati Membri tagħhom, u minn rappreżentant tal-Gvern tal-Albanija. L-ewwel perjodu għandu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2009.

*Artikolu 2*

**Laqgħat**

Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' b'mod regolari darba fis-sena fuq livell ministerjali. Sessjonijiet speċjali tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jistgħu jsiru fuq talba ta' wieħed mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk. Sakemm ma jintlaħaqx ftehim mod ieħor mill-Partijiet, kull sessjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandha ssir fil-post fejn is-soltu jsiru laqgħat tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-data li jaqblu dwarha ż-żewġ Partijiet. Il-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom jissejħu b'mod konġunt mis-Segretarji tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bi qbil mal-President.

*Artikolu 3*

**Rappreżentazzjoni**

Il-membri tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jistgħu jiġu rrappreżentati f'każ li ma jkunux jistgħu jattendu. Jekk membru jixtieq li jiġi rrappreżentat b'dan il-mod, jeħtieġlu jinnotifika lill-President rigward l-isem tar-rappreżentant tiegħu qabel il-laqgħa li fiha se jiġi rrapreżentat b'dan il-mod. Ir-rappreżentant ta' membru tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jeżerċita d-drittijiet kollha ta' dak il-membru.

*Artikolu 4*

**Delegazzjonijiet**

Il-membri tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jistgħu jattendu fil-kumpanija ta' uffiċjali. Qabel kull laqgħa, il-President għandu jkun informat bil-kompożizzjoni intiża tad-delegazzjoni ta' kull Parti. Rappreżentant tal-Bank Ewropew tal-Investiment għandu jattendi l-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, bħala osservatur, meta fuq l-aġenda jidhru ħwejjeġ li jirrigwardaw lill-Bank. Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jistieden persuni li mhumiex membri sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu sabiex jipprovdu informazzjoni fuq suġġetti partikolari.

*Artikolu 5*

**Segretarjat**

Uffiċjal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u uffiċjal tal-Missjoni tal-Albanija fi Brussell għandhom flimkien iservu bħala Segretarji tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

*Artikolu 6*

**Korrispondenza**

Korrispondenza indirizzata lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandha tintbagħat lill-President tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fl-indirizz tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Iż-żewġ Segretarji għandhom jiżguraw li l-korrispondenza tingħadda lill-President tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u, fejn xieraq, tkun imqassma lil membri oħra tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazz-
joni. Korrispondenza li titqassam għandha tintbagħat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentanti Permanenti tal-Istati Membri u l-Missjoni tal-Albanija fi Brussell.

Komunikazzjonijiet mill-President tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom jintbagħtu miż-żewġ Segretarji lid-destinatarji u jitqassmu, fejn xieraq, lill-membri l-oħra tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fl-indirizzi murija fit-tieni paragrafu.

*Artikolu 7*

**Pubbliċità**

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni m'għandhomx ikunu pubbliċi.

*Artikolu 8*

**Aġendi għal-laqgħat**

1. Il-President għandu jfassal l-aġenda proviżorja għal kull laqgħa. Din għandha tingħadda mis-Segretarji tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni lid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 6 mhux aktar tard minn 15-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti li fuqhom il-President ikun irċieva talba sabiex jiżdiedu fl-aġenda mhux aktar tard minn 21 jum qabel il-bidu tal-laqgħa, għalkemm l-ebda punti m'għandhom jitniżżlu fl-aġenda proviżorja sakemm ma tkunx intbagħtet id-dokumentazzjoni ta' sostenn lis-Segretarji mhux aktar tard mid-data li fiha tintbagħat l-aġenda. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-bidu ta' kull laqgħa. Punt ieħor barra minn dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja jista' biss ikun inkluż fl-aġenda jekk iż-żewġ Partijiet hekk jifthiemu.

([1]) ĠU L 107, 28.4.2009, p. 166.

2. Il-President jista', bi qbil maż-żewġ Partijiet, iqassar l-iskadenzi speċifikati fil-paragrafu 1 sabiex iqis il-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

*Artikolu 9*

**Minuti**

Abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jitħejja miż-żewġ Segretarji. Il-minuti għandhom, bħala regola ġenerali, jindikaw fir-rigward ta' kull punt fl-aġenda:

— id-dokumentazzjoni ppreżentata lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni,

— dikjarazzjonijiet li membru tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni talab li jiddaħħlu,

— id-deċiżjonijiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet magħmula, id-dikjarazzjonijiet li kien hemm qbil dwarhom u l-konklużjonijiet adottati.

L-abbozz tal-minuti għandu jkun ippreżentat għall-approvazzjoni lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Meta approvati, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-President u ż-żewġ Segretarji. Il-minuti għandhom jiġu ffajljati fl-arkivji tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li għandu jservi ta' depożitarju tad-dokumenti tal-Assoċjazzjoni. Kopja ċertifikata għandha tingħadda lil kull wieħed mid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 6.

*Artikolu 10*

**Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1. Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu u jagħmel rakkomandazzjonijiet bi ftehim komuni tal-Partijiet. Matul il-perjodu ta' bejn is-sessjonijiet, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.

2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, fi ħdan is-sens tal-Artikolu 118 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, għandhom ikunu intitolati rispettivament "Deċiżjoni" u "Rakkomandazzjoni" segwiti b'numru ta' serje, bid-data ta' meta ġew adottati u b'deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom jiġu ffirmati mill-President u awtentikati miż-żewġ Segretarji. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jingħaddu lil kull wieħed mid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 6. Kull Parti tista' tiddeċiedi fuq il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

*Artikolu 11*

**Ilsna**

L-ilsna uffiċjali tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom ikunu l-ilsna uffiċjali taż-żewġ Partijiet. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jsejjes id-deliberazzjonijiet tiegħu fuq dokumentazzjoni mfassla f'dawn l-ilsna.

*Artikolu 12*

**Spejjeż**

Kemm il-Komunitajiet, kif ukoll l-Albanija, għandhom joħorġu l-flus għall-ispejjeż li jġarrbu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' personal, spejjeż ta' vvjaġġar u għall-għixien ta' kuljum u ma' spejjeż ta' posta u telekomunikazzjoni. Spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' servizzi ta' interpretar fil-laqgħat, traduzzjoni u riproduzzjoni tad-dokumenti għandhom jitħallsu mill-Komunitajiet, bl-eċċezzjoni tal-ispiża li għandha x'taqsam mas-servizzi ta' interpretar jew traduzzjoni għal jew mill-Albaniż, li għandhom jitħallsu mill-Albanija. Infiq ieħor relatat mal-organizzazzjoni tal-laqgħat għandu jitħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħat.

*Artikolu 13*

**Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni**

1. Bil-preżenti qed jiġi stabbilit Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni sabiex jgħin lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-qadi ta' dmirijietu. Għandu jkun iffurmat minn rappreżentanti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u rappreżentanti tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, min-naħa waħda, u rappreżentanti tal-Gvern tal-Albanija min-naħa l-oħra, normalment fil-livell ta' impjegati taċ-ċivil f'kariga għolja.

2. Il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jħejji l-laqgħat u d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, iwettaq id-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fejn xieraq u, inġenerali, jiżgura l-kontinwità tar-relazzjoni ta' assoċjazzjoni u t-tħaddim xieraq tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Għandu jqis kwalunkwe kwistjoni li tiġi rrinvijata lilu mill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif ukoll kwalunkwe kwistjoni li tista' tinqala' fl-andament tat-twettiq ta' kuljum tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Għandu jippreżenta proposti jew kwalunkwe abbozz ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet għall-adozzjoni lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

3. F'każijiet fejn il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jirreferi għal obbligu li jikkonsulta jew il-possibbiltà ta' konsultazzjoni, din it-tip ta' konsultazzjoni tista' sseħħ fi ħdan il-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-konsultazzjoni tista' tissokta fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.

4. Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi …

*Għall-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni*

*Il-President*

…

*ANNESS*

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni**

*Artikolu 1*

**Presidenza**

Il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jkun ippresedut b'mod li jalterna għal perjodi ta' 12-il xahar minn rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, f'isem il-Komunitajiet u l-Istati Membri tagħhom, u minn rappreżentant tal-Gvern tal-Albanija. L-ewwel perjodu għandu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2009.

*Artikolu 2*

**Laqgħat**

Il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' meta jitolbu ċ-ċirkostanzi, bil-ftehim taż-żewġ Partijiet. Kull laqgħa tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandha ssir fi żmien u f'post miftiehma miż-żewġ Partijiet. Il-laqgħat tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom jissejħu mill-President.

*Artikolu 3*

**Delegazzjonijiet**

Qabel kull laqgħa, il-President għandu jkun informat kif kull Parti tkun beħsiebha tifforma d-delegazzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

**Segretarjat**

Uffiċjal tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej flimkien ma' uffiċjal tal-Gvern tal-Albanija għandhom flimkien iservu bħala Segretarji tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-komunikazzjonijiet kollha lil, u mingħand, il-President tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, previsti f'din id-Deċiżjoni għandhom jingħaddu lis-Segretarji tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjażżjoni, kif ukoll lis-Segretarji u l-President tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

*Artikolu 5*

**Pubbliċità**

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni m'għandhomx ikunu pubbliċi.

*Artikolu 6*

**Aġendi għal-laqgħat**

1. Il-President għandu jfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa. Din għandha tingħadda mis-Segretarji tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni lid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 4 mhux aktar tard minn 15-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti li fuqhom il-President ikun irċieva talba sabiex jiżdiedu fuq l-aġenda mhux aktar tard minn 21 jum qabel il-bidu tal-laqgħa, għalkemm l-ebda punti m'għandhom jitniżżlu fl-aġenda proviżorja sakemm ma tkun intbagħtet id-dokumentazzjoni ta' sostenn lis-Segretarji mhux aktar tard mid-data li fiha tintbagħat l-aġenda. Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jistieden esperti li mhumiex membri sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu sabiex jipprovdu informazzjoni fuq suġġetti partikolari. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-bidu ta' kull laqgħa. Punt ieħor barra minn dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja jista' biss ikun inkluż fl-aġenda jekk iż-żewġ Partijiet hekk jifthiemu.

2. Il-President jista', bi ftehim maż-żewġ Partijiet, iqassar l-iskadenzi stipulati fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-ħtiġiet ta' każ partikolari.

*Artikolu 7*

**Minuti**

Għandhom jittieħdu minuti għal kull laqgħa li għandhom ikunu msejsa fuq sinteżi mill-President tal-konklużjonijiet li jkun wasal għalihom il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Meta jiġu approvati mill-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-President u s-Segretarji u jiġu ffajljati miż-żewġ Partijiet. Għandha tintbagħat kopja tal-minuti lil kull destinatarju msemmi fl-Artikolu 4.

*Artikolu 8*

**Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Fil-każijiet speċifiċi fejn il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jingħata s-setgħa mill-Kunsill ta' Stabbiliizzazzjoni u Assoċjazzjoni taħt l-Artikolu 120 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni sabiex jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet, dawn l-atti għandhom ikunu intitolati rispettivament "Deċiżjoni" u "Rakkomandazzjoni", segwiti b'numru ta' serje, bid-data tal-adozzjoni tagħhom u b'deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet għandhom isiru bi qbil komuni bejn il-Partijiet. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom jiġu ffirmati mill-President u awtentikati miż-żewġ Segretarji u għandhom jingħaddu lid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 4 ta' dawn ir-regoli ta' proċedura. Kull Parti tista' tiddeċiedi fuq il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' dan il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

*Artikolu 9*

**Spejjeż**

Kemm il-Komunitajiet kif ukoll l-Albanija għandhom joħorġu l-flus għall-ispejjeż li jġarrbu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' personal, spejjeż ta' vvjaġġar u għall-għixien ta' kuljum u ma' spejjeż ta' posta u telekomunikazzjoni. Spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' servizzi ta' interpretar fil-laqgħat, traduzzjoni u riproduzzjoni ta' dokumenti għandhom jitħallsu mill-Komunitajiet, bl-eċċezzjoni tal-ispiża li għandha x'taqsam mas-servizzi ta' interpretar jew traduzzjoni għal jew mill-Albaniż, li għandhom jitħallsu mill-Albanija. Infiq ieħor relatat mal-organizzazzjoni tal-laqgħat għandu jitħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħat.

*Artikolu 10*

**Is-Sottokumitati u l-gruppi speċjali**

Il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' joħloq sottokumitati jew gruppi speċjali sabiex jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u li għandhom jagħmlulu rapport wara l-laqgħat tagħhom. Il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jtemm kwalukwe sottokumitat jew grupp eżistenti, jistipula jew ibiddel it-termini ta' referenza tagħhom jew joħloq sottokumitati jew gruppi oħra sabiex jgħinuh fil-qadi ta' dmirijietu. Is-sottokumitati u gruppi ma għandu jkollhom l-ebda setgħa ta' teħid ta' deċiżjoni.

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-15 ta' Ġunju 2009**

**li tagħraf fil-prinċipju l-kompletezza tal-fajl li tressaq għal eżami dettaljat fid-dawl tal-inklużjoni possibbli tal-fluopyram fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 4437)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/464/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/414/KEE tistipula l-iżvilupp ta' lista Komunitarja ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fil-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti.

(2) Ġie ppreżentat fajl għas-sustanza attiva fluopyram minn Bayer CropScience AG, lill-awtoritajiet tal-Ġermanja fit-30 ta' Ġunju 2008 b'applikazzjoni biex tinkiseb l-inklużjoni tagħha fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.

(3) L-awtoritajiet tal-Ġermanja indikaw lill-Kummissjoni li, fuq eżami preliminari, il-fajl għas-sustanza attiva kkonċernata jidher li jissodisfa r-rekwiżiti ta' dejta u informazzjoni stabbiliti fl-Anness II għad-Direttiva 91/414/KEE. Il-fajl li ġie ppreżentat jidher ukoll li jissodisfa r-rekwiżiti ta' dejta u informazzjoni stabbiliti fl-Anness III għad-Direttiva 91/414/KEE fir-rigward ta' prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata. Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, il-fajl sussegwentement intbagħat mill-applikant rispettiv lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra, u tressaq quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

(4) Permezz ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi kkonfermat b'mod formali fil-livell Komunitarju li l-fajl jitqies li jissodisfa fil-prinċipju r-rekwiżiti ta' dejta u informazzjoni stipulati fl-Anness II u, għal mill-inqas prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III għad-Direttiva 91/414/KEE.

(5) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tkun ta' ħsara għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob lill-applikant li jressaq dejta jew informazzjoni ulterjuri biex jiċċara ċerti punti fil-fajl.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Bla ħsara għall-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 91/414/KEE, il-fajl li jikkonċerna s-sustanza attiva identifikata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, li tressaq lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bl-għan li tinkiseb l-inklużjoni ta' dik is-sustanza fl-Anness I għal dik id-Direttiva, jissodisfa fil-prinċipju r-rekwiżiti ta' dejta u informazzjoni stipulati fl-Anness II għal dik id-Direttiva.

Il-fajl jissodisfa wkoll ir-rekwiżiti ta' dejta u informazzjoni stabbiliti fl-Anness III għal dik id-Direttiva fir-rigward ta' prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva, filwaqt li jqis l-użi proposti.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri relaturi għandhom jeżaminaw fid-dettall il-fajl imsemmi fl-Artikolu 1 u għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-konklużjonijiet tal-eżami tiegħu flimkien ma' rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni jew in-nuqqas ta' inklużjoni fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanza attiva msemmija fl-Artikolu 1 u kull kundizzjoni għal dik l-inklużjoni malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn sena mid-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**SUSTANZA ATTIVA KKONĊERNATA MINN DIN ID-DEĊIŻJONI**

| Isem Komuni, Numru tal-Identifikazzjoni CIPAC | Applikant | Data tal-applikazzjoni | Stat Membru Relatur |
|---|---|---|---|
| Fluopyram<br>Nru-CIPAC: 807 | Bayer CropScience AG | 30 ta' Ġunju 2008 | DE |

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## DEĊIZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tad-9 ta' Ġunju 2009**

**li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2007/7 dwar il-kundizzjonijiet tat-TARGET2-BĊE**

***(BĊE/2009/13)***

(2009/465/KE)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-ewwel u r-raba' inċiżi tal-Artikolu 105(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 u l-Artikoli 17, 22 u 23 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) adotta d-Deċiżjoni BĊE/2007/7 tal-24 ta' Lulju 2007 dwar il-kundizzjonijiet tat-TARGET2-BĊE [1].

(2) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE adotta l-Linja ta' Gwida BĊE/2009/9 tas-7 ta' Mejju 2009 li tmenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2007/2 dwar is-Sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) [2] fost l-oħrajn biex jingħata aċċess lit-TARGET2 minn istituzzjonijiet ta' kreditu pubbliċi li, minħabba n-natura istituzzjonali speċifika tagħhom taħt id-dritt Komunitarju, huma suġġetti għal skrutinju ta' standard paragunabbli mas-superviżjoni minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(3) Id-definizzjoni tat-terminu istituzzjoni ta' kreditu fl-Anness tad-Deċiżjoni BĊE/2007/7 għandha tinbidel minħabba l-emendi riċenti magħmulin fil-Linja ta' Gwida BĊE/2007/2,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu fl-Artikolu 1 tal-Anness tad-Deċiżjoni BĊE/2007/7 tinbidel b'dan li ġej:

"— 'credit institution' means either: (a) a credit institution within the meaning of § 1(1) of the KWG; or (b) another credit institution within the meaning of Article 101(2) of the Treaty that is subject to scrutiny of a standard comparable to supervision by a competent authority."

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għadha tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Frankfurt am Main, 9 ta' Ġunju 2009.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

[1] ĠU L 237, 8.9.2007, p. 71.
[2] ĠU L 123, 19.5.2009, p. 94.

III

*(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

## AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2009/466/PESK

**tal-15 ta' Ġunju 2009**

**li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK dwar il-missjoni tal-pulizija tal-Unjoni Ewropea mwettqa fil-qafas tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mas-sistema tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK ([1]) dwar il-missjoni tal-pulizija tal-Unjoni Ewropea mwettqa fil-qafas tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mas-sistema tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo).

(2) Fit-23 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/485/PESK ([2]) li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK sat-30 ta' Ġunju 2009.

(3) Wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet Kongoliżi u partijiet oħrajn ikkonċernati, jidher meħtieġ li l-missjoni tkun estiża għal perjodu ieħor, u fl-10 ta' Marzu 2009 il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-missjoni tkun estiża bi 12-il xahar ieħor.

(4) L-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 9(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2007 sat-30 ta' Ġunju 2008 għandu jkun ta' EUR 5 500 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-missjoni għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2008 sal-31 ta' Ottubru 2009 għandu jkun EUR 6 920 000.

Il-Kunsill għandu jistabbilixxi ammont ta' referenza finanzjarja ġdid sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni għall-perjodu mill-1 ta' Novembru 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010.";

2. it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16 għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Għandha tiskadi fil-30 ta' Ġunju 2010.".

*Artikolu 2*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. KOHOUT

([1]) ĠU L 151, 13.6.2007, p. 46.

([2]) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 44.

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2009/467/PESK

## tal-15 ta' Ġunju 2009

## li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan u l-Pakistan u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2009/135/PESK

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Lulju 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/612/PESK [1] li taħtar lis-Sur Ettore F. SEQUI bħala Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fl-Afganistan għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2008 sat-28 ta' Frar 2009.

(2) Fis-16 ta' Frar 2009, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2009/135/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan sat-28 ta' Frar 2010. Għalhekk, l-Azzjoni Konġunta 2009/135/PESK għandha titħassar.

(3) Abbażi ta' reviżjoni tal-Azzjoni Konġunta 2009/135/PESK, il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan għandu jiġi estiż biex jinkludi l-Pakistan.

(4) Ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan u l-Pakistan ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tagħmel ħsara lill-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

**Ħatra**

Is-Sur Ettore F. SEQUI huwa b'dan maħtur Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan u l-Pakistan (minn hawn 'il quddiem "RSUE") sat-28 ta' Frar 2010.

*Artikolu 2*

**Objettivi tal-politika**

Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-objettivi tal-politika tal-Unjoni Ewropea (UE) fl-Afganistan u fil-Pakistan, b'kont meħud tal-approċċ komprensiv tal-UE lejn kooperazzjoni trans-konfinali u reġjonali usa'. B'mod aktar partikolari, ir-RSUE għandu:

(a) jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta UE-Afganistan u l-Ftehim mal-Afganistan kif ukoll ir-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u Riżoluzzjonijiet rilevanti oħra tan-NU;

(b) jheġġeġ kontributi pożittivi minn atturi reġjonali fl-Afganistan u minn pajjiżi ġirien għall-proċess ta' paċi fl-Afganistan u b'hekk jikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tal-Istat Afgan;

(ċ) jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta UE-Pakistan, kif ukoll tar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (RKSNU) u Riżoluzzjonijiet rilevanti oħrajn tan-NU;

(d) jappoġġa r-rwol ċentrali tan-NU, b'mod partikolari tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju-Ġenerali; u

(e) jappoġġa l-ħidma tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli (SĠ/RGħ) fir-reġjun.

*Artikolu 3*

**Mandat**

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika, il-mandat tar-RSUE għandu jkun li:

(a) iwassal il-fehmiet tal-UE dwar il-proċess politiku fl-Afganistan filwaqt li jirreferi għall-prinċipji ewlenin miftiehma bejn l-Afganistan u l-komunità internazzjonali, b'mod partikolari d-Dikjarazzjoni Konġunta UE-Afganistan u l-Ftehim mal-Afganistan;

(b) iwassal il-fehmiet tal-UE dwar il-proċess politiku fil-Pakistan filwaqt li jirreferi għall-prinċipji li joħorġu mill-kuntatti regolari bejn il-Pakistan u l-komunità internazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-"Grupp ta' Ħbieb tal-Pakistan Demokratiku";

[1] ĠU L 197, 25.7.2008, p. 60.

(ċ) jistabbilixxi u jżomm kuntatt mill-qrib ma', u jappoġġa, l-istituzzjonijiet rappreżentattivi Pakistani u Afgani, b'mod partikolari l-Gvern u l-Parlament. Għandu jżomm ukoll kuntatt ma' figuri politiċi Pakistani u Afgani oħrajn u ma' atturi rilevanti oħrajn kemm f'dawk il-pajjiżi kif ukoll barra minnhom;

(d) iżomm kuntatt mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti, b'mod partikolari mar-rappreżentanti lokali tan-NU;

(e) jibqa' f'kuntatt mill-qrib ma' pajjiżi ġirien u pajjiżi interessati oħrajn fir-reġjun, sabiex fil-politika tal-UE jittieħed kont tal-fehmiet tagħhom dwar is-sitwazzjoni fil-Pakistan u l-Afganistan u l-iżvilupp tal-kooperazzjoni bejn dawn il-pajjiżi u l-Pakistan u l-Afganistan;

(f) jgħarraf dwar il-progress miksub biex jintlaħqu l-objettivi tad-Dikjarazzjoni Konġunta UE-Pakistan u d-Dikjarazzjoni Konġunta UE-Afganistan u l-Ftehim mal-Afganistan, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

— it-tmexxija tajba u l-istabbiliment ta' istituzzjonijiet tal-istat ta' dritt,

— ir-riformi fis-settur tas-sigurtà, inkluż l-istabbiliment ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji, ta' armata nazzjonali u ta' forza tal-pulizija,

— ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-poplu Pakistani u Afgan kollu, irrispettivament mis-sess, mill-etniċità jew mir-reliġjon,

— ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoritajiet, id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali,

— it-trawwim tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-amministrazzjoni pubblika u fis-soċjetà ċivili,

— ir-rispett għall-obbligi internazzjonali tal-Pakistan u l-Afganistan, inkluża l-kooperazzjoni fl-isforzi internazzjonali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, it-traffikar illeċitu ta' droga, it-traffikar ta' bnedmin u l-proliferazzjoni tal-armamenti u l-armi ta' Qerda massiva u materjali relatati, u

— il-faċilitazzjoni ta' assistenza umanitarja u r-ritorn b'mod ordnat ta' refuġjati u ta' persuni spostati internament;

(g) f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, jgħin sabiex jiġi żgurat li l-approċċ politiku tal-UE jkun rifless fl-azzjoni tagħha għall-iżvilupp tal-Pakistan u l-Afganistan;

(h) konġuntement mal-Kummissjoni, jipparteċipa b'mod attiv fil-Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni u Monitoraġġ stabbilit taħt il-Ftehim mal-Afganistan u fil-Grupp ta' Ħbieb tal-Pakistan Demokratiku; u

(i) jagħti parir dwar il-parteċipazzjoni u l-pożizzjonijiet tal-UE f'konferenzi internazzjonali dwar il-Pakistan u l-Afganistan.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni tal-mandat**

1. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-mandat waqt li jaġixxi taħt l-awtorità u d-direzzjoni operattiva tas-SĠ/RGħ.

2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jżomm kuntatt privileġġat mar-RSUE u għandu jkun il-punt primarju ta' kuntatt mal-Kunsill. Il-KPS għandu jipprovdi lir-RSUE gwida strateġika u direzzjoni politika fil-qafas tal-mandat.

*Artikolu 5*

**Finanzjament**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-Azzjoni Konġunta sat-28 ta' Frar 2010 għandu jkun EUR 2 830 000. Dan l-ammont għandu jkopri wkoll in-nefqa relatata mal-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Afganistan taħt l-Azzjoni Konġunta 2009/135/PESK fil-perijodu mill-1 ta' Marzu 2009 sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-Azzjoni Konġunta.

2. In-nefqa ffinanzjata bl-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Marzu 2009. In-nefqa għandha tiġi amministrata konformement mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

3. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jagħti rendikont ta' kull nefqa lill-Kummissjoni.

*Artikolu 6*

**Formazzjoni u kompożizzjoni tat-tim**

1. Fil-limiti tal-mandat tiegħu u l-mezzi finanzjarji korrispondenti disponibbli, ir-RSUE għandu jkun responsabbli sabiex jifforma t-tim tiegħu f'konsultazzjoni mal-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, u f'assoċjazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni. L-iskwadra għandu jkollha l-kompetenzi neċessarji dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' politika, kif meħtieġ mill-mandat. Ir-RSUE għandu jikkomunika lis-SĠ/RGħ, lill-Presidenza u l-Kummssjoni dwar il-kompożizzjoni finali tal-iskwadra tiegħu.

2. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jipproponu l-issekondar ta' personal biex jaħdem mar-RSUE. Is-salarju ta' personal issekondat minn Stat Membru jew minn istituzzjoni tal-UE lir-RSUE għandu jkun kopert mill-Istat Membru jew l-istituzzjoni tal-UE kkonċernati rispettivament. L-esperti sekondati mill-Istati Membri mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jistgħu wkoll jiġu impjegati fir-RSUE. Il-personal internazzjonali b'kuntratt għandu jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-UE.

3. Il-personal issekondat kollu għandu jibqa' taħt l-awtorità tal-Istat Membru jew l-istituzzjoni tal-UE mandanti u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-mandat tar-RSUE.

*Artikolu 7*

**Privileġġi u immunitajiet tar-RSUE u l-personal tiegħu**

Il-privileġġi, l-immunitajiet u l-garanziji oħra meħtieġa għall-ikkompletar u l-funzjonament bla tfixkil tal-missjoni tar-RSUE u l-membri tal-personal tiegħu/tagħha għandhom ikunu miftiehma mal-parti/partijiet ospitanti, kif jeħtieġ il-każ. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħtu l-appoġġ meħtieġ kollu għat-tali għan.

*Artikolu 8*

**Sigurtà ta' informazzjoni klassifikata tal-UE**

Ir-RSUE u l-membri tal-iskwadra tiegħu għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti tal-Kunsill rigward is-sigurtà ([1]), b'mod partikolari fil-ġestjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE.

*Artikolu 9*

**Aċċess għal informazzjoni u appoġġ loġistiku**

1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiżguraw li r-RSUE jingħata aċċess għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti.

2. Il-Presidenza, il-Kummissjoni, u/jew l-Istati Membri, kif xieraq, għandhom jipprovdu sostenn loġistiku fir-reġjun.

*Artikolu 10*

**Sigurtà**

F'konformità mal-politika tal-UE dwar is-sigurtà ta' personal skjerat barra l-UE f'kapaċità operazzjonali taħt it-Titolu V tat-Trattat, ir-RSUE għandu jieħu l-miżuri kollha raġonevolment prattikabbli, f'konformità mal-mandat tiegħu u s-sitwazzjoni ta' sigurtà fiż-żona ġeografika taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-sigurtà tal-personal kollu taħt l-awtorità diretta tiegħu, notevolment billi:

(a) jistabbilixxi pjan ta' sigurtà speċifiku għall-missjoni bbażat fuq il-gwida tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, li jinkludi miżuri ta' sigurtà fiżiċi, organizzattivi u proċedurali speċifiċi għall-missjoni, li jirregolaw l-immaniġġar tal-moviment fis-sigurtà ta' personal lejn, u ġewwa, iż-żona tal-missjoni, kif ukoll l-immaniġġar ta' inċidenti ta' sigurtà u li jinkludi pjan ta' kontinġenza u evakwazzjoni għall-missjoni;

(b) jiżgura li l-personal kollu skjerat barra mill-UE jkun kopert b'assigurazzjoni ta' riskju għoli kif meħtieġ mill-kondizzjonijiet fiż-żona tal-missjoni;

(ċ) jiżgura li l-membri kollha tal-iskwadra tiegħu li jkunu ser jiġu skjerati barra l-UE, inkluż personal kuntrattat lokalment, ikunu rċevew taħriġ adatt fir-rigward tas-sigurtà qabel jaslu fiż-żona tal-missjoni jew kif jaslu, abbażi tal-klassifikazzjonijiet tar-riskju assenjati liż-żona tal-missjoni mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill;

(d) jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet kollha miftiehma, magħmula wara valutazzjonijiet ta' sigurtà regolari jiġu implimentati, u jipprovdi lis-SĠ/RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'rapporti bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet oħrajn ta' sigurtà fil-qafas tar-rapporti ta' implimentazzjoni tal-mandat.

*Artikolu 11*

**Rappurtar**

Ir-RSUE għandu jipprovdi regolarment bil-fomm u bil-kitba rapporti lis-SĠ/RGħ u lill-KPS. Ir-RSUE għandu jirrapporta wkoll kif meħtieġ lill-gruppi ta' ħidma. Rapporti regolari bil-miktub għandhom jiġu ċċirkolati permezz tan-network COREU. Fuq ir-rakkomandazzjoni tas-SĠ/RGħ jew tal-KPS, ir-RSUE jista' jipprovdi rapporti lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni (KAĠRE).

([1]) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1.

*Artikolu 12*

**Koordinazzjoni**

1. Ir-RSUE għandu jippromwovi l-koordinazzjoni politika ġenerali tal-UE. Hu/hi għandu jgħin/għandha tgħin sabiex jiġi żgurat li l-istrumenti tal-UE kollha fil-qasam jintużaw b'koerenza sabiex jinkisbu l-objettivi ta' politika tal-UE. L-attivitajiet tar-RSUE għandhom jiġu kkoordinati ma' dawk tal-Presidenza u tal-Kummissjoni, kif ukoll ma' dawk tar-RSUE għall-Asja Ċentrali. Ir-RSUE għandu jipprovdi aġġornamenti regolari lill-missjonijiet tal-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni.

2. Fuq il-post, għandu jinżamm kollegament mill-qrib mal-Presidenza, mal-Kummissjoni u mal-Kapijiet tal-Missjoni tal-Istati Membri. Huma għandhom jagħmlu mill-aħjar biex jgħinu lir-RSUE fl-implimentazzjoni tal-mandat. Ir-RSUE għandu jipprovdi lill-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-UE fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) bi gwida politika lokali. Ir-RSUE u l-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ. Ir-RSUE għandu wkoll jikkollabora ma' atturi internazzjonali u reġjonali oħrajn fil-kamp.

*Artikolu 13*

**Reviżjoni**

L-implementazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħra mill-Unjoni Ewroepa lir-reġjun għandhom jiġu riveduti regolarment. Ir-RSUE għandu jippreżenta lis-SĠ/RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport ta' progress qabel l-aħħar ta' Ġunju 2009 u rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-mandat sa nofs Novembru 2009. Dawn ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għal valutazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta fil-gruppi ta' ħidma rilevanti u mill-KPS. Fil-kuntest tal-prijoritajiet ġenerali għall-iskjerament, is-SĠ/RGħ għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-KPS fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid, l-emendament jew it-terminazzjoni tal-mandat.

*Artikolu 14*

**Tħassir**

L-Azzjoni Konġunta 2009/135/PESK hija b'dan imħassra.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 16*

**Pubblikazzjoni**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. KOHOUT

# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2009/468/PESK

## tal-15 ta' Ġunju 2009

## li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2009/67/PESK

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 15 u 34 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK (1).

(2) Fis-26 ta' Jannar 2009, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/67/PESK li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK (2).

(3) Skont il-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, il-Kunsill wettaq reviżjoni kompleta tal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom tapplika l-Pożizzjoni Komuni 2009/67/PESK.

(4) Il-Kunsill iddetermina li m'għadx hemm raġunijiet biex ċerti persuni jinżammu fuq il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għaliha tapplika l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

(5) Il-Kunsill ikkonkluda li, il-persuni, gruppi u entitajiet l-oħra elenkati fl-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2009/67/PESK kienu involuti f'atti terroristiċi fit-tifsira tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, li ttieħdet deċiżjoni fir-rigward tagħhom minn awtorità kompetenti fit-tifsira tal-Artikolu 1(4) ta' dik il-Pożizzjoni Komuni, u li huma għandhom ikomplu jkunu soġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fiha.

(6) Il-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom tapplika l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom tapplika l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK għandha tkun dik stabbilita fl-Anness ma' din il-Pożizzjoni Komuni.

*Artikolu 2*

Il-Pożizzjoni Komuni 2009/67/PESK hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha jkollha effett fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fil-Lussemburgu, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. KOHOUT

(1) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93.
(2) ĠU L 23, 27.1.2009, p. 37.

*ANNESS*

**Lista ta' persuni, gruppi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1**

1. PERSUNI

1. ABOU, Rabah Naami (magħruf ukoll bħala Naami Hamza; magħruf ukoll bħala Mihoubi Faycal; magħruf ukoll bħala Fellah Ahmed; magħruf ukoll bħala Dafri Rèmi Lahdi) imwieled fl-01.02.1966 f'Alġeri (l-Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al- Hijra

2. ABOUD, Maisi (magħruf ukoll bħala l-Abderrahmane suisse) imwieled fis- 17.10.1964 f'Alġeri (l-Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

3. *ALBERDI URANGA, Itziar, imwielda fis-7.10.1963 f'Durango, Vizcaya (Spanja), karta tal-identità Nru 78.865.693 – attivista tal-ETA

4. *ALBISU IRIARTE, Miguel, imwieled fis-7.6.1961 f'San Sebastián, Guipúzcoa (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 15.954.596 - attivist tal-ETA; membru tal-Gestoras Pro- amnistía

5. *ALEGRÍA LOINAZ, Xavier, imwieled fis-26 ta' November 1958 f'San Sebastián Guipúzcoa, (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 15.239.620 - attivist tal-ETA; membru tal-K.a.s./Ekin

6. AL-MUGHASSIL, Ahmad Ibrahim (magħruf ukoll bħala ABU OMRAN; magħruf ukoll bħala AL-MUGHASSIL, Ahmed Ibrahim) imwieled fis-26.6.1967 f'Qatif-Bab al Shamal (l-Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita

7. AL-NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, imwieled f'Al Ihsa (l-Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita

8. AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, imwieled fis-16.10.1966 f'Tarut, l-Arabja Sawdita; ċittadin tal-Arabja Sawdita

9. *APAOLAZA SANCHO, Iván, imwieled fl-10.11.1971 f'Beasain, Guipúzcoa, (Spanja), karta tal-identità Nru 44.129.178 – attivist tal-ETA; membru tal-K. Madrid

10. ARIOUA, Kamel (magħruf ukoll bħala Lamine Kamel), imwieled fit-18. 8.1969 f'Konstantin (l-Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

11. ASLI, Mohamed (magħruf ukoll bħala Dahmane Mohamed), imwieled fit-13. 5.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

12. ASLI, Rabah imwieled fit-13.05.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

13. * ASPIAZU RUBINA, Miguel de Garikoitz, imwieled fis-6 ta' Lulju 1973 f'Bilbao, Biscay (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 14.257.455 - attivist tal-ETA

14. *ARZALLUS TAPIA, Eusebio, imwieled fit-8.11.1957 f'Regil, Guipúzcoa, (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 15.927.207 – attivist tal-ETA

15. ATWA, Ali (magħruf ukoll bħala BOUSLIM, Ammar Mansour; magħruf ukoll bħala SALIM, Hassan Rostom), Libanu, imwieled fl-1960 fil-Libanu; ċittadin tal-Libanu

16. * BELOQUI RESA, María Elena, imwielda fit-12 ta' Ġunju 1961 f'Areta, Álava, (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 14.956.327 - attivista tal-ETA; membru tax-Xaki

17. BOUYERI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu ZUBAIR; magħruf ukoll bħala SOBIAR; magħruf ukoll bħala Abu ZOUBAIR), imwieled fit-8.3.1978 f'Amsterdam (l-Olanda) - membru tal-"Hofstadgroep"

18. * CAMPOS ALONSO, Miriam, imwielda fit-2 ta' Settembru 1971 f'Bilbao, Vizcaya, (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 30.652.316 - attivista tal-ETA; membru tax-Xaki

19. * CORTA CARRION, Mikel, imwieled fil-15 ta' Mejju 1959 f'Villafranca de Ordicia, Guipúzcoa, (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 08.902.967 - attivist tal-ETA; membru tax-Xaki

20. DARIB, Noureddine (magħruf ukoll bħala Carreto; magħruf ukoll bħala Zitoun Mourad) imwieled fl-1.2.1972 fl-Alġerija - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

21. DJABALI, Abderrahmane (magħruf ukoll bħala Touil) imwieled fl-01.06.1970 fl- Alġerija - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

22. *ECHEBERRIA SIMARRO, Leire, imwieled fl-20.12.1977 f'Basauri, Biscay (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 45.625.646 – attivist tal-ETA

23. *ECHEGARAY ACHIRICA, Alfonso, imwieled fl-10.1.1958 fi Plencia, Vizcaya, (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 16.027.051 – attivist tal-ETA

24. * EGUIBAR MICHELENA, Mikel, imwieled fl-14 ta' Novembru 1963 f'San Sebastián, Guipúzcoa (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 44.151.825 - attivist tal-ETA; membru tax-Xaki

25. EL FATMI, Nouredine (magħruf ukoll bħala Nouriddin EL FATMI; magħruf ukoll bħala Nouriddine EL FATMI, magħruf ukoll bħala Noureddine EL FATMI, magħruf ukoll bħala Abu AL KA'E KA'E; magħruf ukoll bħala Abu QAE QAE; magħruf ukoll bħala FOUAD; magħruf ukoll bħala FZAD; magħruf ukoll bħala Nabil EL FATMI; magħruf ukoll bħala Ben MOHAMMED; magħruf ukoll bħala Ben Mohand BEN LARBI; magħruf ukoll bħala Ben Driss Muhand IBN LARBI; magħruf ukoll bħala Abu TAHAR; magħruf ukoll bħala EGGIE), imwieled fil-15.8.1982 f'Midar (il-Marokk), Nru tal-passaport Marokkin N829139 - membru tal-"Hofstadgroep"

26. EL-HOORIE, Ali Saed Bin Ali (magħruf ukoll bħala AL-HOURI, Ali Saed Bin Ali; magħruf ukoll bħala EL-HOURI, Ali Saed Bin Ali) imwieled fl-10.7.1965 jew il- 11.7.1965 f'El Dibabiya, (l-Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita

27. FAHAS, Sofiane Yacine, imwieled fl-10.09.1971 f'Alġeri (l-Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

28. *GOGEASCOECHEA ARRONATEGUI, Eneko, imwieled fid- 29.4.1967 fi Guernica, Vizcaya, (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 44.556.097– attivist tal-ETA

29. *IPARRAGUIRRE GUENECHEA, Ma Soledad, imwielda fil-25.4.1961 f'Escoriaza, Navarra (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 16.255.819 – attivista tal-ETA

30. * IRIONDO YARZA, Aitzol, imwieled fit-8 ta' Marzu 1977 f'San Sebastián, Guipúzcoa (Spanja), karta tal-identità nru 72.467.565 - attivist tal-ETA

31. IZZ-AL-DIN, Hasan (magħruf ukoll bħala GARBAYA, AHMED; magħruf ukoll bħala SA-ID; magħruf ukoll bħala SALWWAN, Samir), il-Libanu, imwieled fl-1963 fil-Libanu, ċittadin tal-Libanu

32. * MARTITEGUI LIZASO, Jurdan, imwieled fl-10 ta' Mejju 1980 f'Durango, Biscay (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 45.626.584 - attivist tal-ETA

33. MOHAMMED, Khalid Shaikh (magħruf ukoll bħala ALI, Salem; magħruf ukoll bħala BIN KHALID, Fahd Bin Adballah; magħruf ukoll bħala HENIN, Ashraf Refaat Nabith; magħruf ukoll bħala WADOOD, Khalid Adbul) imwieled fl-14.4.1965 jew fl-1.3.1964 fil-Pakistan, Nru tal-passaport 488555

34. MOKTARI, Fateh (magħruf ukoll bħala Ferdi Omar), imwieled fis-26.12.1974 f'Hussein Dey (l-Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

35. * MORCILLO TORRES, Gracia, imwielda fil-15.3.1967 f'San Sebastián, Guipúzcoa (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 72.439.052 - attivista tal-ETA; membru tal-K.a.s./Ekin

36. *NARVÁEZ GOÑI, Juan Jesús, imwieled fit-23.2.1961 f'Pamplona, Navarra (Spanja), karta tal-identità Nru 15.841.101 – attivist tal-ETA

37. NOUARA, Farid, imwieled fil-25.11.1973 f'Alġeri (l-Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

38. *OLANO OLANO, Juan María, imwieled fil-25 ta' Marzu 1955 f'Gainza, Guipúzcoa (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 15.919.168 - attivist tal-ETA; membru tal-Gestoras Pro- amnistía/Askatasuna

39. *OLARRA AGUIRIANO, José María, imwieled fis-27 ta' Lulju 1957 f'Tolosa, Guipúzcoa (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 72.428.996 - attivist tal-ETA; membru tax-Xaki

40. *ORBE SEVILLANO, Zigor, imwieled fil-22.9.1975 f'Basauri, Vizcaya, (Spanja), karta tal-identità Nru 45.622.851 – attivist tal-ETA; membru ta' Jarrai/Haika/Segi

41. *PALACIOS ALDAY, Gorka, imwieled fis-17.10.1974 f'Baracaldo, Vizcaya, (Spanja), karta tal-identità Nru 30.654.356 – attivist tal-ETA; membru tal-K. Madrid

42. *PEREZ ARAMBURU, Jon Iñaki, imwieled fl-18.9.1964 f'San Sebastián, Guipúzcoa (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 15.976.521 - attivist tal-ETA; membru ta' Jarrai/Haika/Segi

43. *QUINTANA ZORROZUA, Asier, imwieled fis-27.2.1968 f'Bilbao, Vizcaya, (Spanja), karta tal-identità Nru 30.609.430 – attivist tal-ETA; membru tal-K. Madrid

44. RESSOUS, Hoari (magħruf ukoll bħala Hallasa Farid) imwieled fil-11.09.1968 f'Alġeri (l-Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

45. * RETA DE FRUTOS, José Ignacio, imwieled fit-3 ta' Lulju 1959 f'Elorrio, Biscay (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 72.253.056 - attivist tal-ETA; membru tal-Gestoras Pro- amnistía/Askatasuna

46. *RUBENACH ROIG, Juan Luis, imwieled fit-18.9.1963 f'Bilbao, Vizcaya, (Spanja), karta ta' l-identità Nru 18.197.545 – attivist tal-ETA; membru tal-K. Madrid

47. SEDKAOUI, Noureddine (magħruf ukoll bħala Nounou), imwieled fit-23.06.1963 f'Alġeri (l-Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

48. SELMANI, Abdelghani (magħruf ukoll bħala Gano), imwieled fl-14.06.1974 f'Alġeri (l- Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

49. SENOUCI, Sofiane imwielda fil-15.04.1971 f'Hussein Dey (l-Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

50. SISON, Jose Maria (magħruf ukoll bħala Armando Liwanag, magħruf ukoll bħala Joma) imwieled fit-8.2.1939 f'Cabugao, il-Filippini - li għandu rwol prinċipali fil-Partit Komunista tal-Filippini inkluż l-NPA

51. TINGUALI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Mouh di Kouba) imwieled fil- 21.04.1964 fi Blida (l-Alġerija) - membru ta' al-Takfir u al-Hijra

52. * TXAPARTEGI NIEVES, Nekane, imwielda fit-8 ta' Jannar 1973 f'Asteasu, Guipúzcoa (Spanja), Nru tal-karta tal-identità 44.140.578 - attivist tal-ETA; membru tax-Xaki

53. *URANGA ARTOLA, Kemen, imwieled fil-25.5.1969 f'Ondarroa, Vizcaya, (Spanja), karta tal-identità Nru 30.627.290 – attivist tal-ETA; membru ta' Herri Batasuna/E.H./Batasuna

54. * URRUTICOECHEA BENGOECHEA, José Antonio, imwieled fl-24 ta' Diċembru 1950 f'Miravalles (Vizcaya), Nru tal-karta tal-identità 14.884.849 - attivist tal-ETA

55. *VALLEJO FRANCO, Iñigo, imwieled fil-21.05.1976 f'Bilbao, Vizcaya (Spanja), karta ta' l-identità Nru 29.036.694 – attivist tal-ETA

56. *VILA MICHELENA, Fermín, imwieled fit-12.3.1970 f'Irún, Guipúzcoa (Spanja), karta ta' l-identità Nru 15.254.214 – attivist tal-ETA; membru tal-K.a.s./Ekin

57. WALTERS, Jason Theodore James (magħruf ukoll bħala Abdullah; magħruf ukoll bħala David), imwieled fis-06.03.1985 f'Amersfoort (l-Olanda), Nru tal-passaport (Olandiż) NE8146378 - membru tal-"Hofstadgroep"

2. GRUPPI U ENTITAJIET

1. L-Organizzazzjoni Abu Nidal - ANO ("Kunsill Rivoluzzjonarju tal-Fatah", il-Brigati Rivoluzzjonarji Gharab, Settembru l-Iswed, u l-Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tal-Musulmani Soċjalisti)

2. Il-Brigata tal-Martri ta' Al-Aqsa

3. Al-Aqsa e.V.

4. Al-Takfir u al-Hijra

5. *Cooperativa Artigiana Fuoco ed Affini – Occasionalmente Spettacolare

6. *Nuclei Armati per il Comunismo (Nuklei Armati għall-Komuniżmu)

7. Aum Shinrikyo (magħruf ukoll bħala AUM, magħruf ukoll bħala Aum Verita Suprema, magħruf ukoll bħala Aleph)

8. Babbar Khalsa

9. *Cellula Contro Capitale, Carcere i suoi Carcerieri e le sue Celle - CCCCC (Iċ- Ċellula Kontra l-Kapital, il-Ħabs, il-Gwardjani tal-Ħabs u ċ-Ċelel tal-Ħabs)

10. Il-Partit Komunista tal-Filippini, inkluż in-New People's Army (l-NPA), il- Filippini, marbuta ma' SISON Jose Maria C. (magħruf ukoll bħala Armando Liwang, magħruf ukoll bħala Joma, li għandu rwol prinċipali fil-Partit Komunista tal-Filippini, inkluża l-NPA)

11. *Continuity Irish Republican Army – CIRA

12. *EPANASTATIKOS AGONAS - Ġlieda Rivoluzzjonarja

13. * Euskadi Ta Askatasuna/Tierra Vasca y Libertad/ Pays basque et liberté (ETA) (L-organizzazzjonijiet li ġejjin huma parti mill-grupp terroristiku ETA: K.a.s., Xaki; Ekin, Jarrai Haika-Segi, Gestoras pro-amnistía, Askatasuna, Batasuna (magħruf ukoll bħala Herri Batasuna, magħruf ukoll bħala Euskal Herritarrok), Acción Nacionalista Vasca / Euskal Abertzale Ekintza (ANV/EAE), Partido Comunista de las Tierras Vascas / Euskal Herrialdeetako Alderdi Komunista (PCTV/EHAK)

14. Gama'a al-Islamiyya (Grupp Islamiku), (magħruf ukoll bħala Al-Gama'a al-Islamiyya, IG)

15. İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi – Il-Front Islamiku tal-Ġellieda tal-Lvant il-Kbir (IBDA-C)

16. *Grupos de Resistencia Antifascista Primero de Octubre - GRAPO / Il-Gruppi ta' Reżistenza Antifaxxista tal-Ewwel ta' Ottubru

17. Hamas (inkluż Hamas-Izz al-Din al-Qassem)

18. Hizbul Mujahideen (HM)

19. Hofstadgroep

20. Holy Land Foundation for Relief and Development (Il-Fondazzjoni tal-Art Imqaddsa għall-Għajnuna u l-Iżvilupp)

21. International Sikh Youth Federation (ISYF)

22. *Solidarietà Internazionale (Solidarjetà Internazzjonali)

23. Kahane Chai (magħruf ukoll bħala Kach)

24. Khalistan Zindabad Force (KZF)

25. Il-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK), (magħruf ukoll bħala KADEK; magħruf ukoll bħala KONGRA-GEL)

26. It-Tigri għal-Liberazzjoni ta' Tamil Eelam (TLET)

27. * Loyalist Volunteer Force (LVF)

28. L-Armata għal-Liberazzjoni Nazzjonali (Ejército de Liberación Nacional)

29. *Orange Volunteers (OV)

30. Il-Front għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLF)

31. Il-Jihad Islamika Palestinjana

32. Il-Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PFLP)

33. Il-Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina – Kmand Ġenerali (magħruf ukoll bħala PFLP – Kmand Ġenerali) "General Command")

34. *"Real IRA"

35. *Brigate Rosse per la Costruzione del Partito Comunista Combattente (Il-Brigati Ħomor għall-Kostruzzjoni tal-Partit Komunista Kombattenti)

36. *Red Hand Defenders (RHD)

37. Fuerzas armadas revolucionarias de Colombia (FARC) Il-Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja

38. * Epanastatiki Pirines (In-Nuklei Rivoluzzjonarji)

39. *Dekati Evdomi Noemvri (L-Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tas-17 ta' Novembru)

40. Devrimci Halk Kurtuluș Partisi-Cephesi (DHKP/C), magħruf ukoll bħala "Devrimci Sol" (Xellug Rivoluzzjonarju), Dev Sol (Armata / Front / Il-Front Popolari għal-Liberazzjoni)

41. Sendero Luminoso – SL (It-Triq li Tiddi)

42. Stichting Al Aqsa (magħruf ukoll bħala Stichting Al Aqsa Nederland, magħruf ukoll bħala Al Aqsa Nederland)

43. Teyrbazen Azadiya Kurdistan – TAK (magħruf ukoll bħala l-"Kurdistan Freedom Falcons")

44. *Brigata XX Luglio (Il-Brigata tal-20 ta' Lulju)

45. *Ulster Defence Association/Ulster Freedom Fighters ("UDA/UFF")

46. Autodefensas Unidas de Colombia - AUC (Il-Forzi/Grupp Magħqud(a) għall-Awtodifiża tal-Kolombja)

47. *Federazione Anarchica Informale – F.A.I. (Il-Federazzjoni Anarkika mhux uffiċjali)

## CORRIGENDUM

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1276/2008 tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar il-monitoraġġ, permezz ta' verifiki fiżiċi tal-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li qegħdin jirċievu rifużjonijiet jew somom oħra**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 339, 18 ta' Diċembru 2008)*

F'Paġna 67, fl-Anness IV, ir-raba' linja għandha tinqara kif ġej:

"— *Bid-Daniż:* Forordning (EF) nr. 2298/2001".

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2009/465/KE:

★ **Deċizjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2007/7 dwar il-kundizzjonijiet tat-TARGET2-BĊE** ***(BĊE/2009/13)*** . . . . . . . . . . 39

---

III *Atti adottati skont it-Trattat tal-UE*

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/466/PESK tal-15 ta' Ġunju 2009 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK dwar il-missjoni tal-pulizija tal-Unjoni Ewropea mwettqa fil-qafas tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mas-sistema tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo)** . . . . . . . . . . 40

★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/467/PESK tal-15 ta' Ġunju 2009 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan u l-Pakistan u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2009/135/PESK** . . . . . . . . . . 41

★ **Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/468/PESK tal-15 ta' Ġunju 2009 li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2009/67/PESK** . . . . . . . . . . 45

---

**Corrigendum**

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1276/2008 tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar il-monitoraġġ, permezz ta' verifiki fiżiċi tal-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li qegħdin jirċievu rifużjonijiet jew somom oħra (ĠU L 339, 18.12.2008)** . . . . . . . . . . 51

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT